IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.12.2021
COM(2021) 778 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Bini ta' ekonomija għas-servizz tan-nies: pjan ta' azzjoni għall-ekonomija soċjali**

{SWD(2021) 373 final}

MT MT

## 1. INTRODUZZJONI

**Kuljum, madwar 2,8 miljun entità tal-ekonomija soċjali fl-Ewropa[1] joffru soluzzjonijiet konkreti u innovattivi għall-isfidi ewlenin li qed inħabbtu wiċċna magħhom**. Dawn joħolqu u jżommu impjiegi ta' kwalità, jikkontribwixxu għall-inklużjoni soċjali u tas-suq tax-xogħol ta' gruppi żvantaġġati u opportunitajiet indaqs għal kulħadd, jixprunaw l-iżvilupp ekonomiku u industrijali sostenibbli, jippromwovu l-parteċipazzjoni attiva taċ-ċittadini fis-soċjetajiet tagħna, jaqdu rwol importanti fis-sistemi tal-protezzjoni soċjali tal-Ewropa, u jagħtu ħajja ġdida liż-żoni rurali[2] u depopolati tal-Ewropa[3].

Matul il-pandemija tal-COVID-19, ħafna entitajiet tal-ekonomija soċjali kienu fuq quddiem nett tal-kriżi. Dawn ipproduċew maskri tal-wiċċ, appoġġaw l-edukazzjoni diġitali online, għenu lin-nies fil-bżonn u pprovdew għajnuna ta' prossimità fil-komunitajiet lokali.

Partijiet mill-ekonomija soċjali jikkontribwixxu għat-**tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali** billi jipprovdu oġġetti u servizzi sostenibbli u jnaqqsu d-distakk diġitali. Il-mudelli ta' negozju parteċipattivi tagħhom, li jqisu l-ħtiġijiet taċ-ċittadini, tal-impjegati u ta' partijiet ikkonċernati oħra, jgħinu biex jiġi żgurat li t-tranżizzjonijiet ikunu ġusti.

Barra minn hekk, l-ekonomija soċjali tikkontribwixxi għad-diversità tal-forom tal-kumpaniji fl-Ewropa, u trawwem għażla akbar għall-konsumatur u kwalità akbar tal-prodott/tas-servizz. L-ekonomija soċjali tagħti kontribut importanti għall-PDG fil-pajjiżi fejn hija żviluppata l-aktar, pereżempju 10 % fi Franza[4]. Għal din ir-raġuni ġiet inkluża bħala l-qalba tal-ekosistema tal-"Prossimità u l-ekonomija soċjali", waħda mill-14-il ekosistema industrijali identifikati fl-aġġornament tal-Istrateġija Industrijali tal-UE[5].

**L-ekonomija soċjali tista' tgħin fl-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew għad-Drittijiet Soċjali u twettaq il-Pjan ta' Azzjoni 2021 tiegħu u l-miri ewlenin tal-2030**, pereżempju ż-żieda fir-rata ta' impjieg u t-tnaqqis fin-numru ta' persuni f'riskju ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali. L-ekonomija soċjali timpjega madwar 13,6-il miljun persuna; l-impjieg bi ħlas ivarja bejn 0,6 % u 9,9 % fost l-Istati Membri[6]. Dan juri l-iżvilupp mhux uniformi tal-ekonomija soċjali fl-UE iżda jiżvela wkoll li **hemm potenzjal ekonomiku u ta' ħolqien ta' impjiegi kbir mhux sfruttat għall-ekonomija soċjali** f'diversi Stati Membri u reġjuni jekk jiġu stabbiliti miżuri adegwati.

---

[1] Ċifra li tkopri l-EU 28. Ara l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, *Recent evolutions of the Social Economy in the European Union*, minn Monzon J. L. u Chaves R., 2017, p. 66.

[2] Ara Viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE, COM(2021) 345 final.

[3] Krlev G., Pasi G., Wruk D., Bernhard M., *Reconceptualizing the Social Economy*, Stanford Social Innovation Review, 2021.

[4] https://www.economie.gouv.fr/leconomie-sociale-et-solidaire

[5] L-istrateġija industrijali aġġornata tal-UE tipproponi 14-il ekosistema industrijali biex jitqiesu ċ-ċirkostanzi l-ġodda wara l-kriżi tal-COVID-19 u għandha l-għan li tixpruna t-trasformazzjoni lejn ekonomija aktar sostenibbli, diġitali, reżiljenti u globalment kompetittiva, COM(2021) 350 final.

[6] Ara l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, *Recent evolutions of the Social Economy in the European Union*, minn Monzon J. L. u Chaves R., 2017, p. 69.

L-ekonomija soċjali tikkomplementa l-azzjoni tal-Istati Membri fl-għoti ta' servizzi soċjali ta' kwalità b'mod kosteffettiv. Din tikkomplementa wkoll l-isforzi tagħhom biex jintegraw liż-żgħażagħ u lill-gruppi żvantaġġati (eż. il-persuni b'diżabilità, il-persuni akbar fl-età, il-persuni qiegħda fit-tul, il-persuni bi sfond ta' migrazzjoni, razzjali jew etniku minoritarju (b'mod partikolari r-Rom), il-ġenituri waħedhom) fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà b'mod ġenerali[7]. Pereżempju, l-ekonomija soċjali tgħin sabiex jinbnew pontijiet bejn il-persuni b'diżabilità u l-impjieg fis-suq tax-xogħol miftuħ; u tipprovdi servizzi li huma essenzjali biex jappoġġaw l-għajxien indipendenti tagħhom. Barra minn hekk, l-ekonomija soċjali tgħin biex tittejjeb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Minn naħa waħda, ħafna nisa għandhom aċċess għas-suq tax-xogħol permezz ta' impjiegi maħluqa mill-ekonomija soċjali, min-naħa l-oħra, is-servizzi soċjali u ta' kura pprovduti mill-ekonomija soċjali jippermettu lin-nisa jaċċessaw is-suq tax-xogħol usa'.

Bl-istess mod, l-ekonomija soċjali tikkontribwixxi għall-**implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs)[8] fil-livell tal-UE u f'dak globali**. Dan għaliex hija attiva madwar id-dinja fit-tnaqqis tal-faqar, fl-ixprunar tat-tranżizzjoni lejn bliet u komunitajiet sostenibbli, il-konsum u l-produzzjoni responsabbli u l-finanzi sostenibbli. Bħala tali, l-organizzazzjonijiet kollaborattivi u mingħajr skop ta' qligħ huma pilastru ewlieni tar-reżiljenza soċjali u ekonomika tal-Ewropa[9].

L-ekonomija soċjali għandha l-potenzjal li ssawwar mill-ġdid l-ekonomija wara l-COVID permezz ta' mudelli ekonomiċi inklużivi u sostenibbli li jwasslu għal trasformazzjoni ekoloġika, ekonomika u soċjali aktar ġusta.

Il-**Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza** tipprovdi lill-Istati Membri b'opportunitajiet sinifikanti biex jimplimentaw ir-riformi u l-investimenti permezz tal-intraprenditorija soċjali u inklużiva. Barra minn hekk, xi Stati Membri qiesu l-ekonomija soċjali u l-intraprenditorija inklużiva bħala prijoritajiet fil-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza. Il-Kummissjoni se timmonitorja u tappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet rispettivi tagħhom.

L-ekonomija soċjali għandha rwol ewlieni fit-tranżizzjoni lejn spazji tal-għajxien aktar sbieħ, sostenibbli u inklużivi u stili tal-ħajja kif promossi mill-**Bauhaus Ewropea l-Ġdida**[10], li jġibu approċċi u soluzzjonijiet transdixxiplinari ġodda adattati għall-ħtiġijiet u għall-aspirazzjonijiet tal-komunitajiet lokali.

**Madankollu, parti minn dan il-potenzjal għadha ma ġietx sfruttata biżżejjed**. L-ekonomija soċjali għadha mhux magħrufa għal wisq nies[11]. Ħafna konsumaturi jixtiequ jixtru b'mod aktar responsabbli[12] f'termini tas-sorsi tal-oġġetti u s-servizzi li jixtru, iżda

[7] L-importanza tal-ekonomija soċjali hija indikata wkoll fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Integrazzjoni u l-Inklużjoni 2021-2027 (COM(2020) 758 final).

[8] https://sdgs.un.org/goals

[9] COM(2020) 493 final.

[10] COM(2021) 573 final.

[11] Il-kunċett tal-ekonomija soċjali ftit li xejn igawdi rikonoxximent f'mill-inqas 10 pajjiżi tal-UE. Ara l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, *Recent evolutions of the Social Economy in the European Union*, minn Monzon J. L. u Chaves R., 2017, p. 35.

[12] Pereżempju, stħarriġ tal-Ewrobarometru minn Marzu 2020 indika fehma maqsuma b'mod komuni li wieħed mill-aktar modi effettivi biex jiġu indirizzati l-problemi ambjentali huwa "li jinbidel il-mod kif nikkonsmaw" u "li jinbidel il-mod kif nipproduċu u ninnegozjaw".

mhux neċessarjament ikunu jafu kif jagħmlu dan. Il-kapital ta' investiment fit-tul u paċenzjuż, mhux dejjem ikun disponibbli faċilment għall-entitajiet tal-ekonomija soċjali. L-awtoritajiet pubbliċi ma jużawx bis-sħiħ il-possibbiltajiet eżistenti biex jiffaċilitaw l-aċċess tal-intrapriżi soċjali għall-akkwist pubbliku, jew għall-finanzjament, u lanqas il-flessibbiltà offruta mir-regoli attwali tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat. Minħabba li ma humiex mifhuma u rikonoxxuti biżżejjed, l-entitajiet tal-ekonomija soċjali jiffaċċjaw diffikultajiet biex jiżviluppaw u jżidu l-attivitajiet tagħhom u, għalhekk, jinżammu lura milli jwasslu impatt ekonomiku u soċjali saħansitra akbar. Dawn jeħtieġu aktar appoġġ u appoġġ aħjar biex jikbru u jirnexxu.

Sabiex jiġi ottimizzat il-potenzjal tal-ekonomija soċjali fis-Suq Uniku, jenħtieġ li jsir aktar biex jiġu replikati l-esperjenzi ta' suċċess madwar l-Istati Membri u, fejn possibbli, biex l-intrapriżi soċjali jiġu megħjuna jikbru minn intrapriżi lokali għal Ewropej, inkluż permezz tal-użu ta' għodod diġitali.

**Dan il-pjan ta' azzjoni jfittex li jtejjeb l-innovazzjoni soċjali, jappoġġa l-iżvilupp tal-ekonomija soċjali u jagħti spinta lis-setgħa trasformattiva soċjali u ekonomika tagħha**. Jipproponi serje ta' azzjonijiet għall-perjodu 2021-2030. Jibni fuq l-Inizjattiva ta' Negozju Soċjali[13] (SBI) u l-inizjattiva favur in-Negozji l-ġodda u n-Negozji li qed jespandu[14]. Tħejja permezz ta' proċess miftuħ u inklużiv fuq perjodu ta' sentejn[15].

## 2. ID-DEFINIZZJONI TAL-EKONOMIJA SOĊJALI

L-ekonomija soċjali tinkludi firxa ta' entitajiet b'mudelli ta' negozju u organizzattivi differenti. Dawn joperaw f'varjetà kbira ta' setturi ekonomiċi: l-agrikoltura, il-forestrija u s-sajd, il-kostruzzjoni, l-użu u t-tiswija, l-immaniġġar tal-iskart, il-kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut, l-enerġija u l-klima, l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, l-attivitajiet finanzjarji u tal-assigurazzjoni, l-attivitajiet tal-proprjetà immobbli, l-attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi, l-edukazzjoni, is-saħħa tal-bniedem u l-attivitajiet tal-ħidma soċjali, l-arti, il-kultura u l-media.

**Fil-kuntest ta' dan il-pjan ta' azzjoni u inizjattivi relatati tal-UE, l-ekonomija soċjali tkopri entitajiet li jikkondividu l-prinċipji u l-karatteristiċi komuni ewlenin li ġejjin**: il-primat tan-nies kif ukoll l-iskop soċjali u/jew ambjentali fuq il-profitt, l-investiment mill-ġdid tal-biċċa l-kbira tal-profitti u s-surpluses biex jitwettqu attivitajiet fl-interess tal-membri/utenti ("interess kollettiv") jew tas-soċjetà inġenerali ("interess ġenerali") u governanza demokratika u/jew parteċipattiva.

Tradizzjonalment, **it-terminu ekonomija soċjali** jirreferi għal erba' tipi ewlenin ta' entitajiet li jipprovdu oġġetti u servizzi lill-membri jew lis-soċjetà tagħhom b'mod ġenerali: il-kooperattivi, is-soċjetajiet ta' benefiċċju reċiproku, l-assoċjazzjonijiet (inklużi l-organizzazzjonijiet tal-karità), u l-fondazzjonijiet. Dawn huma entitajiet privati, indipendenti mill-awtoritajiet pubbliċi u b'forom ġuridiċi speċifiċi.

---

13 COM (2011) 682 final.

14 COM (2016) 733 final.

15 SWD (2021) 373.

L-**intrapriżi soċjali**[16] issa huma ġeneralment mifhuma bħala li jagħmlu parti mill-ekonomija soċjali. L-intrapriżi soċjali joperaw billi jipprovdu oġġetti u servizzi għas-suq b'mod intraprenditorjali u spiss innovattiv, filwaqt li jkollhom objettivi soċjali u/jew ambjentali bħala r-raġuni għall-attività kummerċjali tagħhom. Il-profitti huma prinċipalment investiti mill-ġdid bil-għan li jintlaħaq l-objettiv soċjetali tagħhom. Il-metodu tal-organizzazzjoni u tas-sjieda tagħhom isegwi wkoll prinċipji demokratiċi jew parteċipattivi jew jiffoka fuq il-progress soċjali[17]. L-intrapriżi soċjali jadottaw varjetà ta' forom ġuridiċi skont il-kuntest nazzjonali.

Termini bħal "intrapriżi tal-ekonomija soċjali", "intrapriżi soċjali u solidali" u "t-tielet settur" jintużaw ukoll minn xi partijiet ikkonċernati, pajjiżi u organizzazzjonijiet internazzjonali[18] biex jirreferu għal entitajiet tal-ekonomija soċjali. L-intrapriżi soċjali għall-integrazzjoni fix-xogħol huma tip komuni ta' intrapriża soċjali madwar l-Ewropa. Dawn jispeċjalizzaw fl-għoti ta' opportunitajiet tax-xogħol għall-persuni żvantaġġati.

Il-biċċa l-kbira tal-azzjonijiet proposti f'dan il-pjan ta' azzjoni huma rilevanti għall-entitajiet kollha tal-ekonomija soċjali, madankollu xi wħud jistgħu jkunu speċifiċi għal kategorija waħda jew oħra.

## 3. IL-ĦOLQIEN TAL-QAFAS IT-TAJJEB BIEX L-EKONOMIJA SOĊJALI TIRNEXXI

### 3.1. L-iżvilupp ta' oqfsa ġuridiċi u ta' politika

L-evidenza turi l-importanza li jittejjeb l-"ambjent abilitanti" biex l-ekonomija soċjali tirnexxi. Kif ikkonfermat mir-riċerka[19] u mill-partijiet ikkonċernati[20], l-oqfsa ġuridiċi u ta' politika jiffurmaw parti essenzjali minn dan l-ambjent iżda l-adattament tagħhom għall-ħtiġijiet tal-ekonomija soċjali ma huwiex kompitu faċli.

In-natura transsettorjali tal-ekonomija soċjali u l-fatt li din tkopri tipi differenti ta' entitajiet huma sfidi importanti għall-awtoritajiet pubbliċi, li jagħmluha diffiċli li jiġi żviluppat approċċ effettiv. Punti tad-dħul uniċi u ċari fl-amministrazzjonijiet pubbliċi huma rari. L-entitajiet tal-ekonomija soċjali spiss isibuha kkumplikata li jagħżlu forma ġuridika minn għażliet differenti li ma jkunux imfassla bis-sħiħ għall-ħtiġijiet tagħhom.

L-**iżvilupp ta' oqfsa koerenti għall-ekonomija soċjali** jinvolvi li jitqiesu n-natura u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħha fir-rigward ta' bosta politiki u dispożizzjonijiet orizzontali u settorjali bħal dawk relatati mat-tassazzjoni, l-akkwist pubbliku, il-kompetizzjoni, is-suq

16 Sa mill-Inizjattiva ta' Negozju Soċjali, it-terminu "intrapriża soċjali" intuża f'għadd ta' testi legali tal-UE għall-finijiet ta' finanzjament. Ara d-definizzjonijiet fir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 dwar Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali; ir-Regolament (UE) Nru 346/2013 dwar il-fondi ta' intraprenditorija soċjali Ewropej; ir-Regolament (UE) 2021/1057 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus.

17 COM (2011) 682 final.

18 Pereżempju, l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol.

19 Eż. Jenkins, Hamish, Ilcheong Yi, Samuel Bruelisauer u Kameni Chaddha. *Guidelines for Local Governments on Policies for Social and Solidarity Economy*, UNRISD, Ġinevra, 2021, kooperazzjoni bejn l-UE u l-OECD dwar l-intraprenditorija soċjali (eż. L-Għodda ta' Politika ta' Intraprenditorija Aħjar, sommarji tal-politika u rieżamijiet tal-politika dettaljati għall-Istati Membri) u l-Kummissjoni Ewropea, *Social enterprises and their ecosystems in Europe - Comparative synthesis report*, minn Borzaga C., Galera G., Franchini B., Chiomento S., Nogales R. u Carini C., il-Lussemburgu, 2020.

20 SWD (2021) 373.

soċjali u tax-xogħol, l-edukazzjoni, il-ħiliet u t-taħriġ, is-servizzi tal-kura tas-saħħa u tal-kura, l-appoġġ għall-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju (SMEs), l-ekonomija ċirkolari, eċċ.

Pereżempju, it-**tassazzjoni** hija politika importanti għall-ekonomija soċjali. Ftit pajjiżi żviluppaw qafas ta' tassazzjoni speċifiku u konsistenti għall-intrapriżi soċjali. Ħafna jipprovdu inċentivi li jvarjaw minn eżenzjonijiet mit-taxxa korporattiva fuq il-profitti miżmuma għal eżenzjonijiet mill-VAT jew rati mnaqqsa tal-VAT, kostijiet tal-assigurazzjoni soċjali mnaqqsa/koperti minn sussidji, jew tnaqqis fit-taxxa għal donaturi privati u istituzzjonali[21]. Madankollu, l-aċċess għal dawn l-inċentivi jista' jkun kumpless u l-azzjonijiet differenti mhux dejjem jibbenefikaw minn koordinazzjoni xierqa.

Il-politiki pubbliċi settorjali huma rilevanti wkoll għall-entitajiet tal-ekonomija soċjali peress li huma sħab importanti għall-awtoritajiet pubbliċi fil-forniment ta' **servizzi soċjali, tas-saħħa u tal-kura**. Fid-dawl tat-tixjiħ demografiku, l-ekonomija tal-kura qed tespandi, u qed tipprovdi opportunitajiet tax-xogħol. Madankollu, il-ħaddiema li jipprovdu servizzi f'dawn is-setturi (b'forza tax-xogħol fil-biċċa l-kbira tagħha magħmula minn nisa) jiffaċċjaw ħafna sfidi, f'termini ta' pagi baxxi u kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji. L-Istrateġija Ewropea dwar l-Indukrar il-ġdida, imħabbra għall-2022, se tipprovdi opportunità biex tingħata spinta lill-ekonomija tal-kura filwaqt li ssaħħaħ il-profil tal-valur miżjud qawwi tal-ekonomija soċjali f'dan is-settur, biex tgħin ukoll fit-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol.

Meta jiżviluppaw oqfsa ġuridiċi u ta' politika xierqa, l-**awtoritajiet pubbliċi jeħtieġ li jqisu d-diversità tal-forom ġuridiċi koperti mill-ekonomija soċjali**. Filwaqt li l-kooperattivi, is-soċjetajiet ta' benefiċċju reċiproku, il-fondazzjonijiet, l-assoċjazzjonijiet u l-intrapriżi soċjali għandhom ħafna affarijiet komuni, madankollu għandhom ukoll objettivi u modi differenti ta' operat u jiffaċċjaw ostakli speċifiċi.

Fl-ekonomija soċjali, il-**kooperattivi** jirrappreżentaw forma stabbilita sew ta' mudell tan-negozju tal-ekonomija soċjali. Huma ġestiti mill-produtturi, l-utenti jew il-ħaddiema u huma mmexxija skont ir-regola ta' "membru wieħed, vot wieħed"[22]. Dawn urew li huma versatili maż-żmien u bejn is-setturi, u joffru soluzzjonijiet innovattivi għall-isfidi tas-soċjetà. Madankollu, il-kooperattivi jirrapportaw li l-istruttura tas-sjieda tagħhom tagħmilha aktar diffiċli għalihom biex jibbenefikaw minn investimenti fl-ekwità. L-appoġġ finanzjarju u mhux finanzjarju speċifiku jista' jkollu rwol kruċjali meta l-kooperattivi jiġu stabbiliti fil-kuntest ta' akkwiżizzjonijiet mill-ħaddiema[23] bil-għan li jiġu ppreservati l-impjiegi u l-kontinwazzjoni ta' attività ekonomika vijabbli.

Is-**soċjetajiet ta' benefiċċju reċiproku** jirrapportaw li r-regoli eżistenti ma jqisux biżżejjed in-natura mhux għall-profitt tagħhom. Għal din ir-raġuni, **il-Kummissjoni se**

---

[21] Il-Kummissjoni Ewropea, *Social enterprises and their ecosystems in Europe - Comparative synthesis report*, minn Borzaga C., Galera G., Franchini B., Chiomento S., Nogales R. u Carini C., il-Lussemburgu, 2020, p. 177.

[22] Fl-2003 inħolqot forma ġuridika tal-UE għal Soċjetà Kooperattiva Ewropea (ir-Regolament (KE) Nru 1435/2003). Din toħloq forma ta' kooperattiva Ewropea, li tgħin lill-kooperattivi li għandhom attivitajiet f'aktar minn pajjiż wieħed tal-UE. Tipprovdi wkoll bażi ġuridika għal kumpaniji oħra li jixtiequ jkunu raggruppati flimkien. Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/72/KE li tissupplimenta l-Istatut għal Soċjetà Kooperattiva Ewropea fir-rigward tal-involviment tal-impjegati tikomplementa dan ir-Regolament.

[23] L-akkwiżizzjonijiet mill-ħaddiema jistgħu jkunu mod effettiv ta' ħruġ mill-kriżi tal-kumpaniji u mill-problemi tan-negozji ta' trasferiment ġenerazzjonali.

**żżid l-għarfien fost l-awtoritajiet nazzjonali dwar l-ispeċifiċitajiet tal-mudell mutwu** u l-possibbiltajiet għat-tnaqqis tal-piż amministrattiv[24].

Il-**fondazzjonijiet u l-assoċjazzjonijiet** fl-ekonomija soċjali jispjegaw li jiltaqgħu ma' diffikultajiet biex igawdu mill-benefiċċji sħaħ tas-Suq Uniku. Pereżempju, l-**assoċjazzjonijiet** jiffaċċjaw limitazzjonijiet fit-tħaddim tal-attivitajiet tagħhom b'mod transfruntier. Din il-kwistjoni hija indirizzata wkoll fir-rapport tal-Parlament Ewropew b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar statut għall-assoċjazzjonijiet transfruntiera Ewropej u għall-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ li se jiġi adottat dalwaqt[25]. Biex tifhem aħjar il-kwistjonijiet li jħabbtu wiċċhom magħhom l-assoċjazzjonijiet, **il-Kummissjoni se tniedi studju li jipprovdi analiżi komparattiva tar-reġimi ġuridiċi u tax-xenarji tal-assoċjazzjonijiet fl-UE**.

Bl-istess mod, il-**fondazzjonijiet** jirrapportaw kwistjonijiet bit-trattament tat-taxxa ta' donazzjonijiet transfruntiera lil organizzazzjonijiet ta' benefiċċju pubbliku[26] fi Stati Membri oħra. Skont il-prinċipju tat-Trattat dwar il-moviment liberu tal-kapital u n-nondiskriminazzjoni[27] u d-deċiżjonijiet rilevanti tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja[28], id-donaturi jridu jipproduċu analiżi tal-komparabbiltà każ b'każ[29] biex jibbenefikaw minn regoli ta' tassazzjoni favorevoli għad-donazzjonijiet transfruntiera tagħhom. Madankollu, fil-prattika, il-proċeduri applikati mill-Istati Membri jżidu l-kostijiet amministrattivi u ta' konformità u joħolqu inċertezza kemm għall-entitajiet filantropiċi kif ukoll għad-donaturi. Il-Kummissjoni Ewropea tista' tiftaħ proċeduri ta' ksur f'każijiet fejn l-ostakli għall-attivitajiet transfruntiera jirriżultaw min-nuqqas ta' traspożizzjoni, il-ksur jew l-implimentazzjoni ħażina tad-dritt tal-Unjoni.

Mill-2011, diversi Stati Membri stabbilew **oqfsa u politiki legali** mmirati fir-rigward tal-intrapriżi soċjali u/jew l-ekonomija soċjali[30]. Minbarra li kkontribwixxa għar-rikonoxximent tagħhom, dan irriżulta fi żviluppi pożittivi oħra f'xi każijiet, bħall-ħolqien ta' unitajiet ministerjali speċifiċi u djalogu msaħħaħ bejn il-partijiet ikkonċernati u l-

---

[24] Pereżempju, il-Kummissjoni se tispjega kif jista' jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-assiguraturi reċiproċi skont il-qafas imtejjeb dwar il-proporzjonalità propost fir-rieżami tas-Solvibbiltà II (COM(2021)581).

[25] Rapport ibbażat fuq l-Artikolu 225 tat-TFUE (proċedura ta' inizjattiva leġiżlattiva), referenza 2020/2026(INL), Kumitat għall-Affarijiet Legali – rapport Lagodinsky.

[26] L-organizzazzjonijiet ta' benefiċċju pubbliku huma entitajiet bi status li jippermettilhom jirċievu rigali fiskalment vantaġġjati minn individwi u korporazzjonijiet, jew jirċievu ħelsien mit-taxxa direttament fir-rigward tal-attivitajiet tagħhom. Sabiex entità tirċievi tali status, hija trid tissodisfa għadd ta' rekwiżiti li jistgħu jiġu sseparati fi tliet kategoriji wiesgħa: rekwiżiti mhux għal skop ta' qligħ, rekwiżiti għal skop tajjeb u rekwiżiti ta' benefiċċju pubbliku (jiġifieri huma ta' benefiċċju għal parti kbira u inklużiva biżżejjed tal-pubbliku). Ara l-OECD, *Taxation and Philanthropy*, l-Istudji tal-OECD dwar il-Politika tat-Tassazzjoni Nru 27, Pariġi, 2020.

[27] Ikkonfermat fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja li ġejjin: is-sentenza tal-14 ta' Settembru 2006, Centro di Musicologia Walter Stauffer, C-386/04; is-sentenza tas-27 ta' Jannar 2009, *Persche*, C-318/07; is-sentenza tal-10 ta' Frar 2011, *Missionswerk*, C-25/10.

[28] Is-sentenza tal-14 ta' Settembru 2006, Centro di Musicologia Walter Stauffer, Kawża C-386/04; is-sentenza tas-27 ta' Jannar 2009, Persche, Kawża C-318/07; is-sentenza tal-10 ta' Frar 2011, Missionswerk, Kawża C-25/10.

[29] Il-proċess li permezz tiegħu l-awtoritajiet nazzjonali tat-taxxa jittrattaw ir-rikonoxximent tal-ekwivalenza ta' organizzazzjoni ta' benefiċċju pubbliku bbażata fi Stati Membri oħra tal-UE.

[30] Ara l-Kummissjoni Ewropea, *Social enterprises and their ecosystems in Europe - Comparative synthesis report*, minn Borzaga C., Galera G., Franchini B., Chiomento S., Nogales R. u Carini C., il-Lussemburgu, 2020.

awtoritajiet pubbliċi. **F'xi pajjiżi ġew żviluppati tikketti jew sistemi ta' ċertifikazzjoni** li jistgħu jkunu ta' benefiċċju għall-entitajiet tal-ekonomija soċjali u jiffaċilitaw l-aċċess tagħhom għal politiki speċifiċi u jippermettu trattament speċifiku[31]. Ir-riformi ta' suċċess jistgħu jservu ta' ispirazzjoni għal Stati Membri oħra.

Il-Kummissjoni żviluppat għadd ta' għodod u riżorsi biex tappoġġa lill-Istati Membri u t-tagħlim reċiproku fost dawk li jfasslu l-politika. Il-Kummissjoni qed tħejji, flimkien mal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD), linji gwida dwar oqfsa ġuridiċi xierqa għall-intrapriżi soċjali li għandhom jiġu ppubblikati fl-2022. Dan l-aħħar, il-Kummissjoni ppubblikat ukoll gwida u ġabra ta' prattiki tajbin dwar l-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli[32]. Dan il-materjal kollu u din l-esperjenza kollha jistgħu jgħinu lill-Istati Membri jtejbu l-oqfsa nazzjonali u reġjonali tagħhom. L-Istati Membri għandhom ukoll l-opportunità li jiksbu għarfien espert imfassal apposta permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku.

Il-Kummissjoni se tinkoraġġixxi t-tagħlim reċiproku u se tipprovdi gwida u appoġġ lill-Istati Membri billi:

- **Torganizza webinars u workshops** mill-2022 **għall-uffiċjali pubbliċi abbażi tal-eżerċizzji tal-mmappjar, il-ġbir u l-iskambju ta' prattiki tajbin** fir-rigward ta' diversi oqsma ta' politika bħall-għajnuna mill-Istat, it-tassazzjoni, l-investiment soċjali, it-trasferimenti tan-negozju lill-impjegati, it-tikketti u s-sistemi ta' ċertifikazzjoni, u l-kejl tal-impatt soċjali.

- **Tippubblika gwida dwar l-oqfsa rilevanti tat-tassazzjoni għall-entitajiet tal-ekonomija soċjali**, abbażi tal-analiżi u l-kontribut disponibbli pprovduti mill-awtoritajiet tal-Istati Membri u mill-partijiet ikkonċernati tal-ekonomija soċjali.

- **Tippubblika gwida li tiċċara r-regoli eżistenti dwar it-trattament tat-taxxa ta' donazzjonijiet transfruntiera ta' benefiċċju pubbliku** li jaffettwaw il-fondazzjonijiet u l-assoċjazzjonijiet u l-implimentazzjoni tal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni mal-Istati Membri.

- **Tniedi studju dwar it-tikketti/l-iskemi ta' ċertifikazzjoni tal-ekonomija soċjali nazzjonali** li jimmappja dawk eżistenti fl-Istati Membri u jidentifika prattiki tajbin u karatteristiċi u kriterji komuni. Se jkollu wkoll l-għan li jipprovdi approċċ u gwida komuni lill-Istati Membri u jesplora l-possibbiltà ta' rikonoxximent reċiproku volontarju.

Filwaqt li timplimenta dawn l-azzjonijiet, bil-għan li tipprovdi approċċ komprensiv għall-ekonomija soċjali u tiffaċilita l-iżvilupp uniformi tagħha madwar l-Istati Membri u r-reġjuni tal-UE, il-Kummissjoni se tipproponi **Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżvilupp ta' kundizzjonijiet ta' qafas tal-ekonomija soċjali fl-2023**. Din sejra:

- Tistieden lil dawk li jfasslu l-politika jadattaw aħjar l-oqfsa ġuridiċi u ta' politika għall-ħtiġijiet tal-entitajiet tal-ekonomija soċjali.

- Tipprovdi rakkomandazzjonijiet fir-rigward ta' politiki speċifiċi bħall-politika dwar l-impjiegi, l-għajnuna mill-Istat, l-akkwist pubbliku, it-tassazzjoni, ir-riċerka, l-

[31] Pereżempju, l-istatus Franċiż ta' "intrapriża solidali ta' utilità soċjali" (ESUS) u ta' "intrapriża soċjali" introdott mill-Bulgarija, l-Italja, ir-Rumanija u s-Slovakkja.

[32] https://ec.europa.eu/info/policies/public-procurement/tools-public-buyers/social-procurement_mt

edukazzjoni, il-ħiliet u t-taħriġ, il-kura u s-servizzi soċjali, il-forniment ta' appoġġ finanzjarju u mhux finanzjarju mfassal apposta għall-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tan-negozju, u l-istatistika.

– Tenfasizza kif l-istrutturi istituzzjonali u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati jistgħu jiffaċilitaw il-ħidma tal-entitajiet tal-ekonomija soċjali.

### 3.2. L-ekonomija soċjali u l-għajnuna mill-Istat

L-appoġġ finanzjarju pubbliku għandu rwol importanti biex jippermetti l-bidu u l-iżvilupp tal-atturi tal-ekonomija soċjali. Il-kontroll tal-għajnuna mill-Istat ifittex li jżomm bilanċ bejn dan l-appoġġ u l-kompetizzjoni ġusta. Jispikkaw diversi sfidi u opportunitajiet għall-partijiet ikkonċernati tal-ekonomija soċjali.

Waħda mill-kwistjonijiet hija li l-awtoritajiet pubbliċi u l-benefiċjarji spiss ma jagħmlux l-aħjar użu mill-possibbiltajiet eżistenti tal-għajnuna mill-Istat. Il-partijiet ikkonċernati jirrapportaw li l-awtoritajiet pubbliċi spiss jillimitaw bla bżonn l-ammont ta' għajnuna li jagħtu lill-intrapriżi soċjali għal-limitu ġenerali *de minimis* (EUR 200 000 fuq perjodu ta' 3 snin) u ma jqisux possibbiltajiet oħra f'konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, bħall-għajnuna reġjonali, l-għajnuna għall-finanzjament tar-riskju jew l-għajnuna għar-reklutaġġ ta' ħaddiema żvantaġġati, fejn l-ammonti massimi tal-għajnuna huma ġeneralment ogħla.

Barra minn hekk, ir-regoli eżistenti tal-UE fir-rigward tas-**servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (SGEI)**[33] jiftħu possibbiltajiet konsiderevoli għall-għajnuna mill-Istat. L-entitajiet jistgħu jibbenefikaw biss minn din il-flessibbiltà jekk ikunu ġew fdati b'missjoni speċifika, jiġifieri s-servizz ta' interess ekonomiku ġenerali. Madankollu, l-awtoritajiet pubbliċi mhux dejjem jużaw din il-possibbiltà sal-potenzjal sħiħ tagħha, pereżempju fir-rigward tal-attivitajiet tal-intrapriżi soċjali li jiffukaw fuq il-forniment ta' impjiegi għal persuni vulnerabbli. Għalhekk, il-Kummissjoni se tiffaċilita l-aċċess għall-gwida rilevanti dwar l-għajnuna mill-Istat u se tiddiskuti din it-tema fil-webinars u fil-workshops li se torganizza (ara l-parti 3.1).

It-tieni kwistjoni hija li l-partijiet ikkonċernati tal-ekonomija soċjali jirrapportaw li d-daqs tal-appoġġ eżistenti għall-għajnuna mill-Istat disponibbli għalihom mhux dejjem ikun adegwat, b'mod partikolari fir-rigward tal-għajnuna għall-aċċess għall-finanzjament u s-sussidji għar-reklutaġġ ta' ħaddiema żvantaġġati rregolati mir-**Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa ("GBER")**[34]. Fil-fatt hemm evidenza li turi li l-intrapriżi soċjali ġeneralment għandhom diffikultà akbar mill-intrapriżi standard biex jaċċessaw il-finanzjament (ara t-taqsima 4.2).

**Il-Kummissjoni**, fir-reviżjoni tal-GBER li **se** ssir fid-dawl tal-iskadenza tiegħu fl-aħħar tal-2023, se **tikkunsidra jekk l-evidenza disponibbli tiġġustifikax l-illaxkar tar-regoli fir-rigward tal-għajnuna għall-aċċess tal-intrapriżi soċjali għall-finanzjament u fir-rigward tal-għajnuna għar-reklutaġġ ta' ħaddiema żvantaġġati jew żvantaġġati serjament**.

---

[33] B'mod partikolari d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/21/UE tal-20 ta' Diċembru 2011 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 106(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna mill-Istat taħt il-forma ta' kumpens għas-servizzi pubbliċi mogħti lil ċerti impriżi inkarigati bil-ġestjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali.

[34] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat.

**Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri** jagħmlu użu aħjar mill-marġni ta' diskrezzjoni tagħhom fid-definizzjoni ta' servizz ta' interess ekonomiku ġenerali kull fejn ikun xieraq, bil-għan li jippermettu li jiġu koperti l-attivitajiet ta' kwalifika mwettqa mill-intrapriżi soċjali. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jinvestu aktar fit-taħriġ u fil-bini tal-kapaċitajiet għall-amministrazzjonijiet tagħhom bil-għan li jżidu l-livell ta' għarfien tagħhom dwar ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

### 3.3. Aċċess aħjar għas-swieq: akkwist pubbliku soċjalment responsabbli

Il-forniment ta' oġġetti u servizzi lill-awtoritajiet pubbliċi kif ukoll lill-intrapriżi tradizzjonali huwa kruċjali għall-iżvilupp tal-ekonomija soċjali, u l-istess jgħodd għall-kooperazzjoni magħhom. Dawn jiġġeneraw dħul u jippermettulhom isiru finanzjarjament indipendenti. Minħabba li l-**akkwist pubbliku jirrappreżenta 14 % tal-PDG Ewropew**[35], huwa rikonoxxut fil-biċċa l-kbira bħala għodda politika ewlenija li tappoġġa l-iżvilupp tal-ekonomija soċjali u tal-intrapriżi soċjali.[36]

**Ir-reviżjoni mill-ġdid tal-2014 tar-regoli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku**[37] **ħolqot ħafna opportunitajiet għall-awtoritajiet pubbliċi fil-livelli kollha biex jużaw l-akkwist pubbliku biex jiksbu diversi objettivi ta' politika**, inkluż it-trawwim tal-protezzjoni ambjentali u l-insegwiment ta' objettivi soċjali. Pereżempju, ir-regoli jsemmu b'mod speċifiku li l-aspetti soċjali huma fost il-fatturi li jistgħu jiġu inklużi fil-kriterji tal-għoti abbażi tal-kriterji tal-"aktar offerta ekonomikament vantaġġuża". Minn dak iż-żmien, il-Kummissjoni ħadet diversi inizjattivi biex iżżid l-għarfien dwar il-valur miżjud tal-akkwist pubbliku ekoloġiku u soċjalment responsabbli, tipprovdi gwida u xxerred prattiki tajbin. Pereżempju, dan l-aħħar il-Kummissjoni ppubblikat gwida riveduta dwar "Ix-Xiri Soċjali"[38] b'suġġerimenti u eżempji prattiċi.

F'dawn l-aħħar snin, xi awtoritajiet lokali u reġjonali u bliet wettqu s-setgħa tal-akkwist pubbliku strateġiku biex jilqgħu għall-isfidi/il-ħtiġijiet tas-soċjetà u tiġi xprunata bidla sistemika. **Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-offerti pubbliċi għadhom jingħataw biss abbażi tal-kriterju tal-prezz** u l-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli għadu ferm inqas magħruf u żviluppat mill-akkwist pubbliku ekoloġiku. Il-Kummissjoni se żżid l-isforzi tagħha biex tenfasizza l-benefiċċji konkreti u l-modi kif tuża l-akkwisti pubbliċi u l-proċeduri ta' konċessjonijiet biex tikseb l-objettivi ta' politika soċjali u tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar, u tipprovdi servizzi soċjali ta' kwalità għolja.

B'mod parallel, huwa importanti li tissaħħaħ il-kapaċità tal-entitajiet tal-ekonomija soċjali biex jitfgħu offerti għall-akkwisti pubbliċi, u li jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-atturi tal-ekonomija soċjali għall-akkwist privat. L-interazzjonijiet man-negozji tradizzjonali jgħinu lill-entitajiet tal-ekonomija soċjali jiżviluppaw u jikbru u din il-kooperazzjoni żdiedet. Madankollu, hemm lok għal integrazzjoni aktar sistematika fil-ktajjen tal-valur tan-negozji tradizzjonali u għal sħubija magħhom biex jitfgħu offerti b'mod konġunt għall-akkwist pubbliku, anke permezz tal-pilotaġġ ta' proġetti ġodda fi ħdan il-Programm tas-Suq Uniku.

---

[35] Ara COM(2017) 572 final, p. 3.

[36] Varga E., *How Public Procurement Can Spur the Social Economy*, Stanford Social Innovation Review, 2021.

[37] Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE.

[38] https://ec.europa.eu/docsroom/documents/45767

Il-Kummissjoni se:

– **Issaħħaħ l-isforzi tagħha biex iżżid l-għarfien, trawwem l-iskambju ta' prattiki tajbin u tħarreġ kemm lill-uffiċjali tal-akkwist pubbliku kif ukoll lill-entitajiet tal-ekonomija soċjali** dwar kif jużaw proċeduri ta' akkwisti pubbliċi u ta' konċessjonijiet biex jiksbu l-objettivi ta' politika soċjali. Għal dan il-għan, se jiġu organizzati workshops fl-Istati Membri.

– **Tniedi inizjattiva ġdida taħt il-Programm tas-Suq Uniku fl-2022 li tappoġġa l-ħolqien ta' sħubijiet lokali u reġjonali** bejn l-entitajiet tal-ekonomija soċjali u n-negozji tradizzjonali, li jippermettu suq minn negozju għal negozju tax-"xiri soċjali".

– **Ittejjeb l-użu ta' klawżoli soċjali fil-proċeduri tal-offerti tal-Kummissjoni stess** kull meta jkun possibbli.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se toħroġ rapport biex ittejjeb l-użu ta' akkwist pubbliku soċjalment responsabbli fl-Istati Membri.-

**Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri u lil awtoritajiet pubbliċi kompetenti oħra** jrawmu u jimmonitorjaw l-adozzjoni tal-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli fit-territorju tagħhom b'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati tal-ekonomija soċjali.

### 3.4. Il-promozzjoni tal-ekonomija soċjali fil-livelli reġjonali u lokali

**Il-mudelli ta' negozju tal-ekonomija soċjali jġibu valur lill-ekonomiji u lis-soċjetajiet lokali** billi jrawmu l-inklużività, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tagħhom. Dawn għandhom għeruq lokali b'saħħithom u għandhom primarjament l-għan li jservu lill-komunità fejn huma bbażati, u jżommu l-popolazzjoni, l-attivitajiet ekonomiċi u d-dħul f'livell lokali. Bħala tali, huma jikkontribwixxu biex jixprunaw l-iżvilupp ekonomiku lokali f'setturi speċifikament rilevanti għar-reġjuni, pereżempju fiż-żoni rurali, fir-rigward tal-agrikoltura u l-produzzjoni organika tal-ikel jew fl-ekonomija blu. Dawn irawmu ktajjen ta' valur qosra li jiffaċilitaw il-produzzjoni u l-konsum lokali, u jappoġġaw l-azzjoni klimatika u l-ekonomija ċirkolari. Dawn jikkontribwixxu wkoll għall-forniment ta' servizzi soċjali li spiss ikunu limitati f'żoni rurali u aktar remoti.

Kif imħabbar fil-**Viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE**[39], il-Kummissjoni se twettaq sensiela ta' azzjonijiet li se jippermettu lill-intraprendituri u lin-negozji ż-żgħar jiċċaqilqu lejn żoni rurali u jikkontribwixxu għall-adattament tagħhom għall-ambjent ekonomiku li qed jinbidel, jipprovdu opportunitajiet għal prattiki kummerċjali innovattivi, jikkooperaw u jiffurmaw gruppi kif ukoll jiżviluppaw setturi ġodda tal-ekonomija. Se ssir enfasi speċifika fuq ktajjen tal-provvista qosra ta' prodotti agroalimentari, li jorbtu direttament lill-produtturi mal-konsumaturi u kkomplementati minn azzjonijiet li jiżviluppaw opportunitajiet ta' impjieg u tagħlim għaż-żgħażagħ u l-iżvilupp sostenibbli tal-bijoekonomija.

Ħafna awtoritajiet reġjonali u lokali Ewropej għandhom setgħat biex jiżviluppaw strateġiji u strumenti ħalli jappoġġaw l-iżvilupp ta' ekosistemi tal-ekonomija soċjali lokali u reġjonali. Hemm lok li jsir użu aħjar minn dan il-potenzjal[40].

---

[39] COM(2021) 345 final.

[40] OECD, *Regional Strategies for the Social Economy: Examples from France, Spain, Sweden and Poland*, Pariġi, 2020.

L-iskambju u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet reġjonali u lokali huma mod effettiv biex jittejjeb it-tagħlim reċiproku dwar l-ekonomija soċjali. Dan huwa minnu b'mod partikolari għall-kooperazzjoni transfruntiera. **L-appoġġ huwa disponibbli taħt il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+)**, **il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)** u l-**Fond għal Tranżizzjoni Ġusta** biex jgħin lill-awtoritajiet lokali u reġjonali jsaħħu l-kooperazzjoni mal-atturi tal-ekonomija soċjali, anke bħala parti mill-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti. Il-**Pjattaforma għal Tranżizzjoni Ġusta** tipprovdi pjattaforma attiva ta' skambju għall-partijiet ikkonċernati kollha fir-reġjuni partikolarment affettwati mit-tranżizzjoni klimatika, inklużi l-atturi tal-ekonomija soċjali[41]. Barra minn hekk, il-Kummissjoni **tappoġġa t-tagħlim bejn il-pari, il-kooperazzjoni u l-bini tal-komunità fost ir-reġjuni u l-awtoritajiet lokali**. Pereżempju, l-**inizjattiva Ewropea tar-Reġjuni tal-Ekonomija Soċjali** u l-**Missjonijiet tal-Ekonomija Soċjali**[42] saħħu l-profil tal-ekonomija soċjali fil-livell lokali u appoġġaw finanzjarjament l-organizzazzjoni ta' sessjonijiet ta' tagħlim reċiproku mal-awtoritajiet lokali u mal-partijiet ikkonċernati tal-ekonomija soċjali. Din il-ħidma hija appoġġata aktar minn inizjattivi lokali bħall-Patt tas-Sindki tal-UE.

Il-Kummissjoni se tiżviluppa aktar dawn l-inizjattivi li jappoġġaw il-kooperazzjoni tranżnazzjonali b'enfasi fuq l-iffaċilitar ta' tranżizzjoni ekoloġika u diġitali ġusta (ara t-taqsima 4.3). Se tinkoraġġixxi wkoll l-**użu tal-Programm Interreg Ewropew u s-sħubija ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti għall-ekonomija soċjali**[43] biex trawwem skambji transfruntiera u interreġjonali.

Il-Kummissjoni se:

– **Tappoġġa lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati biex jagħtu spinta lill-ekonomija soċjali u lill-innovazzjoni soċjali fiż-żoni rurali permezz tan-network futur tal-UE għall-Politika Agrikola Komuni u jintegraw aktar ir-Raggruppamenti tal-Innovazzjoni Soċjali u Ekoloġika (CSEI)[44] fil-politika Ewropea dwar ir-raggruppamenti industrijali** biex tiġi pprovduta gwida u jiġu appoġġati r-riċerka u l-bini ta' kapaċitajiet ġodda, l-iskambju ta' prattiki tajbin u n-networking transfruntier.

– Tespandi n-**network tar-Reġjuni Ewropej tal-Ekonomija Soċjali** biex jissaħħu sħubijiet reġjonali u lokali ġodda b'mod partikolari biex tingħata spinta lit-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi fit-territorji.

– **Issaħħaħ in-networking bejn in-negozji rurali** permezz tan-Network Enterprise Europe, kif ukoll permezz ta' sejħiet għal kooperazzjoni interreġjonali permezz tal-Missjonijiet Ewropej tal-Ekonomija Soċjali. Il-Viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE se tagħmel enfasi speċifika fuq l-intraprenditorija u l-ekonomija soċjali fiż-żoni rurali.

---

41 Ara https://ec.europa.eu/info/strategy/priorities-2019-2024/european-green-deal/finance-and-green-deal/just-transition-mechanism/just-transition-platform_mt

42 Ara https://ec.europa.eu/growth/sectors/social-economy-eu_en

43 Ara https://s3platform.jrc.ec.europa.eu/social-economy

44 Is-CSEI jiġbru l-entitajiet tal-ekonomija soċjali, l-awtoritajiet lokali u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u r-riċerka fi struttura jew proġett ġestit b'mod konġunt. Dawn jikkooperaw f'żona ġeografika partikolari biex itejbu l-prosperità ekonomika, soċjali u ambjentali lokali. L-oqsma tal-attività tagħhom huma diversi u jvarjaw minn ekonomija ċirkolari għall-impjiegi u l-inklużjoni fl-impjiegi, l-agrikoltura sostenibbli, jew l-inkubazzjoni u l-appoġġ intraprenditorjali soċjali. Ara https://ec.europa.eu/growth/industry/policy/cluster_en.

**Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu punti ta' kuntatt tal-ekonomija soċjali lokali** li jaqdu r-rwol ta' ambaxxaturi tal-ekonomija soċjali, jipprovdu appoġġ bejn il-pari, jiffaċilitaw l-aċċess għall-finanzjament tal-UE u dak nazzjonali, u jikkollaboraw mal-awtoritajiet li jġestixxu l-fondi Ewropej.

### 3.5. Il-promozzjoni tal-ekonomija soċjali fil-livell internazzjonali

It-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali, it-tibdil demografiku u l-inugwaljanzi ekonomiċi u soċjali huma sfidi globali. L-UE u l-pajjiżi terzi jikkondividu objettivi komuni, inkorporati fl-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli. L-ekonomija soċjali tista' tgħin biex jintlaħqu dawn l-objettivi kemm fl-UE kif ukoll barra minnha. Għalhekk, **l-azzjonijiet imħabbra fit-taqsimiet l-oħra ta' dan il-Pjan jistgħu jispiraw ukoll l-appoġġ għall-ekonomija soċjali f'pajjiżi mhux tal-UE**.

Il-grad ta' żvilupp tal-ekonomija soċjali jvarja b'mod sinifikanti fost il-pajjiżi terzi. Xi wħud għandhom tradizzjonijiet li ilhom jeżistu għal bosta snin f'ċerti oqsma tal-ekonomija soċjali. Oħrajn għandhom ekosistemi ta' innovazzjoni soċjali jew ta' intrapriżi soċjali li qed jiffjorixxu, iżda f'ħafna mudelli tal-ekonomija soċjali għadhom qed jibdew jevolvu. Il-partijiet ikkonċernati jistgħu jibbenefikaw mill-kondiviżjoni tal-esperjenza u tal-prattiki tajbin, li jistgħu jgħinu biex jaċċelleraw ir-riformi.

Matul dawn l-aħħar għaxar snin, il-**politika tal-UE dwar il-kooperazzjoni internazzjonali appoġġat l-iżvilupp tal-ekonomija soċjali**. Pereżempju, is-sħubija tal-UE mal-Alleanza Kooperattiva Internazzjonali[45] tejbet il-viżibbiltà u r-riċerka dwar il-kooperattivi madwar id-dinja, kif ukoll iffaċilitat il-bini tal-kapaċitajiet u n-networking. Il-Kummissjoni ffinanzjat ukoll diversi programmi reġjonali għall-bini tal-kapaċitajiet li jappoġġaw u jsaħħu l-ekonomija soċjali u l-ekosistemi tal-intraprenditorija soċjali[46].

Hemm ukoll lok **biex jissaħħu d-djalogu u l-kollaborazzjoni dwar l-ekonomija soċjali mas-sħab internazzjonali ewlenin** bħall-OECD, it-Task Force tan-NU għall-Ekonomija Soċjali u Solidali u l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol. Dan se jgħin biex jissaħħaħ il-profil tal-ekonomija soċjali lil hinn mill-fruntieri tal-UE u jippermetti kondiviżjoni aħjar tal-gwida u l-għodod ta' politika disponibbli żviluppati mill-Kummissjoni Ewropea, b'mod partikolari b'kooperazzjoni mal-OECD. **Il-Kummissjoni se tibni fuq dawk l-inizjattivi u se tippromwovi aktar l-ekonomija soċjali fix-xena internazzjonali**.

B'mod partikolari, il-Kummissjoni se:

– **Tippromwovi l-immirar tal-ekonomija soċjali u tal-intraprenditorija soċjali fil-programmi taħt l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni u l-Istrumenti ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali**, pereżempju billi taħdem mad-delegazzjonijiet tal-UE u mal-awtoritajiet pubbliċi f'pajjiżi mhux tal-UE, biex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' miżuri ddedikati għall-ekonomija soċjali.

– **Ittejjeb l-aċċess għall-finanzjament għall-intraprendituri soċjali fil-Balkani tal-Punent, is-Sħubija tal-Lvant u l-Viċinat tan-Nofsinhar,** billi tniedi azzjonijiet biex tingħata spinta lill-inizjattivi fil-livell lokali u biex l-intermedjarji jiġu appoġġati fl-

[45] https://www.coops4dev.coop/en

[46] Pereżempju, il-proġett MedUP! u l-proġett Safir fin-Nofsinhar tal-Mediterran.

iżvilupp ta' prodotti finanzjarji adattati għall-ħtiġijiet tal-entitajiet tal-ekonomija soċjali.

**Il-Kummissjoni tinkoraġġixxi lill-awtoritajiet pubbliċi f'pajjiżi mhux tal-UE** jagħmlu użu minn gwida politika u minn għodod disponibbli b'xejn dwar l-ekonomija soċjali pprovduti mill-Kummissjoni Ewropea b'kooperazzjoni mal-OECD u l-ILO[47].

## 4. IL-FTUĦ TA' OPPORTUNITAJIET GĦALL-IŻVILUPP TAL-ENTITAJIET TAL-EKONOMIJA SOĊJALI

### 4.1. L-appoġġ għan-negozju u l-bini tal-kapaċitajiet

**Il-biċċa l-kbira tal-entitajiet tal-ekonomija soċjali għandhom dimensjoni intraprenditorjali b'saħħitha u jagħtu kontribut konsiderevoli għat-tkabbir sostenibbli u għall-impjiegi**. Huma jinvolvu ruħhom fi skambji tas-suq u jiġġeneraw dħul mill-bejgħ ta' oġġetti u servizzi. Filwaqt li ħafna jixtiequ jibqgħu żgħar u lokali, xi wħud jistgħu jkunu jixtiequ jespandu għal swieq oħra fl-UE u lil hinn minnha. Għalhekk, dawn jistgħu jibbenefikaw minn appoġġ għall-iżvilupp tan-negozju biex jespandu u jiżviluppaw. Madankollu, l-iskemi ta' appoġġ eżistenti mhux dejjem iqisu l-karatteristiċi speċjali tal-mudelli ta' negozju tagħhom f'termini ta' governanza, allokazzjoni tal-profitti, kundizzjonijiet tax-xogħol u impatt fuq is-soċjetà. Barra minn hekk, l-impjegati, inklużi dawk minn gruppi żvantaġġati, għandhom ħtiġijiet importanti ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid bħal f'partijiet oħra tal-ekonomija. Fil-kuntest ta' forza tax-xogħol li qed tixjieħ u taż-żieda fl-eżodu ta' mħuħ, it-trasferiment tal-għarfien interġenerazzjonali u l-intraprenditorija tal-anzjani jista' jkollhom rwol importanti.

**Il-mudelli ta' negozju tal-ekonomija soċjali jistgħu jinfluwenzaw u joħolqu effetti konsegwenzjali għan-negozju tradizzjonali**. Għadd dejjem akbar ta' negozji tradizzjonali qed joqorbu lejn l-għanijiet tal-ekonomija soċjali. Pereżempju, il-"korporazzjonijiet ta' benefiċċju" u l-"intrapriżi ta' impatt" jinkorporaw ambizzjonijiet sostenibbli fil-missjonijiet tagħhom, filwaqt li intrapriżi oħra qed jadottaw miżuri ad hoc biex itejbu t-trasparenza u jikkomunikaw b'mod aktar attiv mal-komunitajiet. Dan u l-inkorporazzjoni gradwali tal-kriterji ta' governanza ambjentali, soċjali u korporattiva (ESG) fil-governanza tan-negozji tradizzjonali u l-politiki ta' investiment tal-istituzzjonijiet finanzjarji u l-fondi ta' investiment, qed joħolqu opportunitajiet ġodda għall-kooperazzjoni u l-arrikkiment reċiproku kif ukoll l-aċċess għal swieq ġodda. Il-Kummissjoni se ssaħħaħ ukoll l-**interazzjonijiet bejn l-entitajiet tal-ekonomija soċjali u n-negozji tradizzjonali** billi tippromwovi l-aħjar prattiki bħal fil-qasam tal-intraprenditorija soċjali[48].

Minħabba n-**natura trażversali tal-ekonomija soċjali**, l-iskemi li jindirizzaw l-innovazzjoni, it-tħejjija għall-investiment, l-internazzjonalizzazzjoni tan-negozju, l-iżvilupp rurali, u l-ekonomija ċirkolari huma rilevanti għalihom, anke jekk spiss jiġu

---

[47] Eż. sommarji tal-politika dwar suġġetti tal-ekonomija soċjali, gwidi internazzjonali dwar il-forom ġuridiċi u l-kejl tal-impatt soċjali, u l-għodda ta' valutazzjoni għat-tfassil tal-politika għal Intraprenditorija Aħjar, ara https://www.oecd.org/cfe/leed/social-economy/social-entrepreneurship.htm. L-ILO ħarġet gwida ta' informazzjoni għar-rakkomandazzjoni Nru 193 tal-ILO dwar "Il-promozzjoni tal-kooperattivi" u se tiddedika l-edizzjoni tal-2022 tal-Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol (ILC) għal "Ekonomija Soċjali u Solidali (SSE) għal futur tax-xogħol iċċentrat fuq il-bniedem".

[48] Ara, pereżempju: https://www.leagueofintrapreneurs.com/

indirizzati lill-SMEs b'mod ġenerali[49]. Madankollu, l-informazzjoni rilevanti għandha t-tendenza li tkun imxerrda u diffiċli biex tiġi aċċessata. Anke meta jeżistu inizjattivi ddedikati, il-partijiet ikkonċernati tal-ekonomija soċjali ta' spiss ma jkunux konxji biżżejjed dwarhom jew isibuhom kumplessi. In-networks rappreżentattivi u n-networks ta' intraprenditorija jistgħu jgħinu, iżda dawn in-networks ma jeżistux fil-pajjiżi kollha.

Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanja dan il-pjan ta' azzjoni[50] jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-programmi u l-finanzjament rilevanti tal-UE fil-perjodu 2021-2027. Il-finanzjament tal-UE bħall-fondi Ewropew tal-politika ta' koeżjoni, huwa implimentat fil-livelli nazzjonali u reġjonali. Aktar sorsi ta' finanzjament huma disponibbli fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, kif ukoll minn atturi privati. In-navigazzjoni ta' dan ix-xenarju tista' tkun diffiċli, b'mod partikolari għal entitajiet żgħar.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni se:

– Tiffaċilita, taħt il-Patt għall-Ħiliet, **l-istabbiliment ta' sħubija għall-ħiliet** għall-ekosistema industrijali tal-Prossimità u l-Ekonomija Soċjali, fil-kuntest tal-Aġenda għall-Ħiliet u l-Istrateġija Industrijali Ewropea aġġornata. Mill-2022, se jiġu stabbiliti ċentri ddedikati għan-networking, l-għarfien, il-gwida u r-riżorsi biex jiġu appoġġati l-firmatarji tal-Patt fl-isforzi tagħhom biex joffru opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid għall-persuni fl-età tax-xogħol.

– **Tagħti spinta lill-espansjoni u tippromwovi l-internazzjonalizzazzjoni tal-ekonomija soċjali** billi timmobilizza n-networks ta' appoġġ għan-negozju u l-pjattaformi ta' sħubija fil-livell Ewropew bħan-Network Enterprise Europe[51] u l-Pjattaforma Ewropea għall-Kollaborazzjoni bejn ir-Raggruppamenti[52].

– **Tniedi Gateway tal-Ekonomija Soċjali tal-UE unika ġdida fl-2023** biex jiġi pprovdut punt tad-dħul ċar għall-partijiet ikkonċernati tal-ekonomija soċjali u atturi u individwi rilevanti oħra li jfittxu informazzjoni dwar il-finanzjament, il-politiki, in-networks/il-pjattaformi u l-inizjattivi rilevanti tal-UE. Din il-gateway se tissimplifika l-aċċess għall-appoġġ eżistenti u ttejjeb is-sensibilizzazzjoni dwar l-azzjonijiet tal-UE f'dan il-qasam. Barra minn hekk, il-Gateway se tiffaċilita l-aċċess għal inizjattivi rilevanti għall-bini tal-kapaċitajiet u tipprovdi gwida speċifika dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament tal-UE (taħriġ, workshops, webinars, gwidi prattiċi u għodod).

Se tiġi pprovduta wkoll gwida dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament tal-UE permezz taċ-Ċentru ta' Konsulenza InvestEU, in-Network Enterprise Europe u l-Helpdesk tas-Servizzi Soċjali tal-UE. Għall-awtoritajiet maniġerjali tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni, hija disponibbli gwida permezz tal-pjattaforma FI-compass[53] li tipprovdi appoġġ konsultattiv dwar l-istrumenti finanzjarji implimentati taħt is-sistema ta' ġestjoni kondiviża.

Bil-għan ta' bini usa' tal-kapaċitajiet, **il-Kummissjoni se tappoġġa l-iżvilupp ta' networks rappreżentattivi tal-ekonomija soċjali**, b'mod partikolari fl-Istati Membri

49 Ħafna mill-entitajiet tal-ekonomija soċjali huma SMEs.

50 SWD (2021) 373, Taqsima 5.

51 https://een.ec.europa.eu/

52 https://clustercollaboration.eu

53 https://www.fi-compass.eu/

tal-UE fejn l-intrapriżi soċjali u l-ekosistemi tal-ekonomija soċjali ma jiġux żviluppati sal-potenzjal sħiħ tagħhom.

**Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri** jinkoraġġixxu lill-inkubuturi tan-negozju tradizzjonali biex jestendu l-appoġġ tagħhom għall-entitajiet tal-ekonomija soċjali, u jtejbu l-opportunitajiet ta' appoġġ għat-tħejjija għall-investiment fin-negozju. Il-proġett pilota "Inkubatur Aħjar"[54] li tnieda mill-Kummissjoni Ewropea jista' jservi bħala ispirazzjoni.

**Twessigħ tal-attrattività tal-intraprenditorija**

L-intraprenditorija soċjali u l-ekonomija soċjali jistgħu jkunu partikolarment attraenti fost iż-żgħażagħ, il-persuni b'diżabilità, bi sfond ta' migrazzjoni, in-nisa u intraprendituri sottorappreżentati oħra. Huwa interessanti li l-prevalenza ta' intraprendituri nisa hija akbar fl-intraprenditorija soċjali milli fl-intraprenditorija konvenzjonali[55] fejn il-preżenza tan-nisa hija biss ta' 30 %[56]. Is-sensibilizzazzjoni dwar dawn il-mudelli alternattivi ta' negozju tista' ttejjeb l-attrattività tal-intraprenditorija b'mod aktar ġenerali u tgħin fl-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol. **Ġenerazzjonijiet iżgħar** qed juru interess kbir fl-iżvilupp sostenibbli u, b'riżultat ta' dan, l-ekonomija soċjali tista' tinteressahom. F'dawn l-aħħar snin, l-edukazzjoni intraprenditorjali saret aktar komuni fis-sistemi edukattivi. Madankollu, il-mudelli ta' negozju tal-ekonomija soċjali, inklużi l-forom kooperattivi, għadhom 'il bogħod milli jkunu komponent standard fil-kurrikuli kollha tal-edukazzjoni intraprenditorjali u fil-korsijiet fin-negozju.

Il-Kummissjoni se:

– **Tniedi Akkademja ġdida tal-Politika dwar l-Intraprenditorija taż-Żgħażagħ** fl-2022 taħt il-FSE+. Din se trawwem l-intraprenditorija taż-żgħażagħ, inkluż għall-intraprendituri nisa u soċjali, billi taħdem ma' dawk li jfasslu l-politika nazzjonali u man-networks tal-intraprenditorija taż-żgħażagħ.

– **Trawwem it-tagħlim reċiproku bejn l-intraprendituri tal-ekonomija soċjali billi tippromwovi aħjar il-programm Erasmus għall-Intaprendituri Żgħażagħ**[57] fost il-partijiet ikkonċernati tal-ekonomija soċjali.

Il-Kummissjoni se teżamina modi kif trawwem sinerġiji bejn programmi differenti ta' finanzjament tal-UE biex tidentifika proġetti ta' suċċess li jistgħu potenzjalment jitkabbru għall-intrapriżi soċjali.

**Il-Kummissjoni tistieden lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja** jagħmlu użu sħiħ mill-istrumenti Ewropej bħall-Universitajiet Ewropej[58] biex jistimulaw l-ekonomija u l-intraprenditorija soċjali.

---

[54] https://betterincubation.eu/

[55] OECD, *Women's Social Entrepreneurship and Innovation*, minn Huysentruyt M., Pariġi, 2014.

[56] https://www.eib.org/en/publications/why-are-women-entrepreneurs-missing-out-on-funding-executive-summary

[57] https://www.erasmus-entrepreneurs.eu/

[58] https://ec.europa.eu/education/education-in-the-eu/european-education-area/european-universities-initiative_mt

### 4.2. It-titjib fl-aċċess għall-finanzjament

Matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, huwa stmat li mill-inqas EUR 2,5 biljun ġew mobilizzati mill-baġit tal-UE biex jappoġġaw l-ekonomija soċjali[59]. B'mod ġenerali, **l-ambizzjoni tal-Kummissjoni hija li żżid il-livell ta' appoġġ għall-perjodu 2021-2027**. Huwa mistenni li se jiġi mmobilizzat aktar investiment, bis-saħħa ta' effett multiplikatur mistenni ogħla tal-InvestEU u ta' appoġġ imsaħħaħ għall-impatt u l-innovazzjoni soċjali. Programmi oħra tal-UE se joffru appoġġ iddedikat jew indirett għall-ekonomija soċjali; dawn jinkludu pereżempju l-qasam tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali tal-Fond Soċjali Ewropew Plus, Orizzont Ewropa, il-Programm tas-Suq Uniku, Erasmus+, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, Ewropa Kreattiva u l-Programm LIFE. Fil-livell nazzjonali, il-finanzjament tal-UE se jkun disponibbli b'mod partikolari permezz tal-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

Wara l-appoġġ immirat ipprovdut fil-livell tal-UE u dak nazzjonali, b'mod partikolari permezz tal-Programm Ewropew għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI)[60], aktar intermedjarji u investituri huma konxji mill-entitajiet tal-ekonomija soċjali, inklużi l-intrapriżi soċjali, u qed jipprovdu finanzjament li jista' jitħallas lura u appoġġ għall-iżvilupp tan-negozju biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tagħhom. Il-banek etiċi kellhom rwol importanti f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, it-tikketta tal-Fondi ta' Intraprenditorija Soċjali Ewropew (EuSEF)[61] ippermettew lill-investituri jidentifikaw faċilment il-fondi li jinvestu f'intrapriżi soċjali. Mill-kriżi finanzjarja tal-2008, is-settur tal-mikrofinanzjament esperjenza wkoll tkabbir konsiderevoli fl-UE u fil-pajjiżi ġirien. Ħafna istituzzjonijiet tal-mikrofinanzjament huma parti mill-ekonomija soċjali, b'missjoni soċjali ddedikata biex jgħinu lill-individwi minn gruppi vulnerabbli u b'diffikultajiet ħalli jaċċessaw is-sistema bankarja tradizzjonali biex joħolqu negozji, u b'hekk joħolqu impjiegi għalihom infushom u għal oħrajn. B'mod ġenerali, l-użu ta' prodotti finanzjarji bħal garanziji wera li huwa mod effettiv kif jiġi mmobilizzat il-finanzjament privat għall-intrapriżi soċjali minn investituri tradizzjonali kif ukoll filantropiċi.

Minkejja dan l-iżvilupp pożittiv, analiżi tas-swieq finanzjarji tal-intrapriżi soċjali żvelat sparigg persistenti bejn id-domanda u l-provvista ta' finanzjament ripagabbli għall-intrapriżi soċjali fl-Ewropa, f'termini kemm ta' aċċess għad-dejn kif ukoll għall-ekwità. Fil-qasam tal-finanzjament tal-intrapriżi soċjali, id-diskrepanza fil-finanzjament kienet stmata għal kważi EUR 1 biljun fis-sena madwar l-Ewropa[62], filwaqt li fil-qasam tal-mikrofinanzjament, id-diskrepanza kienet stmata għal EUR 12,9-il biljun fis-sena madwar l-UE[63]. Hemm differenzi konsiderevoli fost u fi ħdan il-pajjiżi. B'mod ġenerali,

---

[59] Din l-istima tirrifletti biss l-appoġġ iddedikat għall-ekonomija soċjali. Miżuri wiesgħa oħra tal-UE (eż. l-appoġġ lill-SMEs jew l-innovazzjoni) kienu ta' benefiċċju għall-ekonomija soċjali iżda ma humiex riflessi f'dawn l-ammonti.

[60] Matul l-2014-2020 tnieda pakkett komprensiv ta' miżuri bil-għan li jippermettu l-aċċess għall-finanzjament għall-intrapriżi soċjali taħt il-programm EaSI. L-appoġġ kien jinkludi garanziji għal self, investimenti fl-ekwità biex tinbena l-kapaċità tal-intermedjarji finanzjarji, għotjiet għall-bini ta' swieq finanzjarji soċjali u għat-tnaqqis tal-kostijiet tat-tranżazzjoni tal-investimenti, kif ukoll appoġġ konsultattiv.

[61] Ir-Regolament (UE) Nru 346/2013 dwar il-fondi ta' intraprenditorija soċjali Ewropej.

[62] Il-Kummissjoni Ewropea, *Social enterprise finance market: analysis and recommendations for delivery options*, minn Spiess-Knafl W. u Scheck B, il-Lussemburgu, 2019.

[63] Il-Kummissjoni Ewropea, *Microfinance in the European Union: Market analysis and recommendations for delivery options in 2021-2027*, il-Lussemburgu, 2020.

għad hemm biżżejjed lok biex tittejjeb il-provvista tal-finanzjament imfassla apposta għad-diversi stadji taċ-ċiklu tal-ħajja tal-intrapriża (jiġifieri it-tnissil, il-bidu, l-espansjoni).

Għaldaqstant, il-Kummissjoni se:

– **Tniedi prodotti finanzjarji ġodda fl-2022 taħt il-programm InvestEU bil-għan li timmobilizza l-finanzjament privat** immirat lejn il-ħtiġijiet tal-intrapriżi soċjali fi stadji differenti tal-iżvilupp. Dan se jinkludi garanziji biex ikun permess l-aċċess għall-kreditu għall-intrapriżi soċjali u l-mikrointrapriżi, investimenti fl-ekwità u ta' kważi ekwità f'intrapriżi soċjali u f'intrapriżi xprunati mill-impatt, kif ukoll investimenti kapitali f'intermedjarji finanzjarji[64]. Iċ-Ċentru ta' Konsulenza InvestEU se jipprovdi appoġġ għall-intermedjarji finanzjarji[65].

Il-fondazzjonijiet huma parti mill-ekonomija soċjali u għandhom ukoll rwol importanti fil-provvista ta' ffinanzjar b'għotjiet għall-ekonomija soċjali, l-innovazzjoni soċjali u objettivi ta' politika oħra tal-UE. Hemm interess dejjem akbar fost l-atturi filantropiċi biex jagħmlu investimenti relatati mal-missjonijiet, inkluż f'organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali. Sabiex tisfrutta dan il-potenzjal, **il-Kummissjoni qed tivvaluta t-tnedija ta' mekkaniżmi ddedikati ta' investiment konġunt ma' fondazzjonijiet u organizzazzjonijiet filantropiċi madwar oqsma ta' missjoni fil-mira**, bil-għan li l-kapital addizzjonali jiġi indirizzat għas-sostenibbiltà, l-inklużjoni, l-innovazzjoni soċjali, l-akkomodazzjoni u l-kondizzjoni ta' persuni mingħajr dar, il-pluraliżmu tal-media, u l-iżvilupp ta' ekosistemi b'impatt soċjali. Fil-Pjan ta' Azzjoni Medjatiku u Awdjoviżiv tagħha[66], il-Kummissjoni diġà ħabbret il-ħolqien ta' proġett pilota bbażat fuq l-ekwità permezz ta' InvestEU biex tappoġġa s-settur tal-media tal-aħbarijiet.

Skont l-interess tas-suq, iċ-Ċentru ta' Konsulenza InvestEU jista' jappoġġa l-istabbiliment ta' pjattaformi ta' investiment transfruntiera li jiġbru flimkien sħab interessati f'investimenti fl-ekonomija soċjali.

Biex tikkomplementa l-azzjoni ewlenija ta' hawn fuq, il-Kummissjoni se:

– B'kooperazzjoni mas-sħab ta' implimentazzjoni tal-InvestEU, **tiżgura li l-intermedjarji finanzjarji tal-InvestEU li jipprovdu finanzjament lill-intrapriżi soċjali jkunu faċli biex jiġu identifikati mill-benefiċjarji potenzjali**, inkluż permezz tal-Portal InvestEU u l-Gateway tal-Ekonomija Soċjali.

– **Tikkomplementa l-istrumenti finanzjarji bl-appoġġ permezz ta' għotjiet għall-bini tas-swieq finanzjarji tal-intrapriżi soċjali** fl-Ewropa billi tappoġġa l-istabbiliment ta' strumenti finanzjarji ġodda u programmi ta' tħejjija għall-investiment.

---

64 Minbarra l-prodotti finanzjarji elenkati f'din l-azzjoni, il-Kummissjoni se tivvaluta fuq bażi regolari d-diskrepanzi fis-suq u s-sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali li jiffaċċjaw entitajiet tal-ekonomija soċjali f'termini ta' dejn kif ukoll ta' ekwità, u tiżviluppa, fejn meħtieġ, ittestjar tas-suq u, jekk ikun konkluživ, prodotti finanzjarji pilota innovattivi.

65 L-intermedjarji finanzjarji eliġibbli huma elenkati fit-Taqsima 6.4.2.1. tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1078 tal-14 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-linji gwida għall-investiment għall-Fond InvestEU.

66 COM(2020) 784 final.

– **Tikkomplementa l-istrumenti ta' investiment fl-ekwità bl-appoġġ permezz ta' għotjiet** immirati lejn it-tnaqqis tal-kostijiet tat-tranżazzjoni għall-investimenti ta' kapital ta' riskju f'intrapriżi soċjali.

– **Tappoġġa n-networks tal-UE attivi fl-oqsma tal-mikrofinanzjament u l-finanzjament tal-intrapriżi soċjali** bil-għan li ttejjeb is-sensibilizzazzjoni u s-sinjalazzjoni għall-finanzjament tal-UE, ittejjeb il-kapaċità tal-organizzazzjonijiet membri, u tipprovdi riċerka u *data*.

Minbarra l-iżvilupp ta' strumenti ġodda, l-Istati Membri għandhom il-potenzjal li jintroduċu miżuri sistemiċi biex jagħtu spinta lill-finanzjament disponibbli. L-inizjattivi eżistenti jinkludu l-għażla għall-impjegati li jikkontribwixxu għal fondi tal-pensjonijiet u skemi tat-tfaddil b'orjentazzjoni soċjali.

Barra minn hekk, **titjib fil-fehim u l-adozzjoni tal-metodoloġiji tal-kejl tal-impatt soċjali** jista' jippermetti lill-ekonomija soċjali tikkomunika l-impatt tagħha u taċċessa b'mod aktar faċli l-finanzjament xprunat mill-impatt. Jeżistu bosta metodoloġiji, iżda l-entitajiet tal-ekonomija soċjali jirrapportaw li d-diversità tal-għodod u r-riżorsi disponibbli tista' tkun skoraġġanti u diffiċli biex tiġi nnavigata, speċjalment għal entitajiet iżgħar jew b'inqas esperjenza. L-approċċi għall-kejl tal-impatt soċjali jenħtieġ li jiġu kkunsidrati sew u jkunu proporzjonati u adattati għad-diversità tal-atturi, id-daqs u l-istadju tal-iżvilupp.

Il-Kummissjoni se:

– **Tappoġġa l-iżvilupp tal-kejl u l-ġestjoni tal-impatt soċjali** billi timmappja u tirrieżamina l-prattiki eżistenti u tniedi taħriġ għall-partijiet ikkonċernati tal-ekonomija soċjali, ittejjeb il-fehim u tiffaċilita l-adozzjoni ta' tali prattiki. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se taħdem mal-partijiet ikkonċernati biex tiżviluppa metodoloġiji standard sempliċi għall-valutazzjoni tal-impatt soċjali għall-atturi tal-ekonomija soċjali fl-UE fl-2023.

L-abbozz ta' rapport tal-Pjattaforma dwar il-Finanzi Sostenibbli jargumenta li, fid-dawl ta' pandemija u kwistjonijiet soċjali mhux imwieġba marbuta ma' tranżizzjoni sostenibbli, huwa importanti li jiġu identifikati attivitajiet u entitajiet ekonomiċi li jikkontribwixxu biex isir progress fir-rigward tal-objettivi soċjali. Il-Pjattaforma tindika li gwida komuni dwar tassonomija soċjali tista' żżid it-trasparenza tal-investimenti u tipprevjeni l-ħasil soċjali. Kif meħtieġ skont ir-Regolament dwar it-Tassonomija u kif indikat fil-pjan ta' azzjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, **il-Kummissjoni se tħejji rapport dwar l-estensjoni possibbli tat-Tassonomija tal-UE għal Finanzi Sostenibbli għall-objettivi soċjali.**

### 4.3. Il-massimizzazzjoni tal-kontribut tal-ekonomija soċjali għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali

L-Unjoni Ewropea qed taspira li ssir l-ewwel kontinent newtrali għall-klima sal-2050 filwaqt li ma tħalli lil ħadd jibqa' lura. Dan, u l-ħtieġa li jitwaqqaf it-telfien tal-bijodiversità, jitnaqqas it-tniġġis u jittejjeb l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali, huma fil-qalba tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Il-Kummissjoni pproponiet sett ta' miżuri leġiżlattivi[67] biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra b'mill-inqas 55 % sal-2030 meta mqabbla mal-livelli tal-1990. Barra minn hekk, bħala parti mill-Patt Ekoloġiku

[67] COM(2021) 550 final.

Ewropew, il-Kummissjoni nediet il-Patt Klimatiku Ewropew[68] li jappoġġa l-wegħdiet klimatiċi miċ-ċittadini u mill-organizzazzjonijiet b'benefiċċji diretti anke għall-ekonomija soċjali.

Barra minn hekk, it-tranżizzjoni diġitali Ewropea għandha l-għan li tagħti s-setgħa lin-nies u lin-negozji biex iħaddnu futur diġitali ċċentrat fuq il-bniedem, sostenibbli u aktar prosperuż[69]. B'mod partikolari, waħda mill-miri tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali huwa li mill-inqas 80 % ta' dawk li għandhom bejn is-16 u l-74 sena jenħtieġ li jkollhom ħiliet diġitali bażiċi.

**L-ekonomija soċjali tikkontribwixxi għat-tranżizzjoni ekoloġika** billi tiżviluppa prattiki, oġġetti u servizzi sostenibbli għall-iżvilupp industrijali, pereżempju fl-oqsma tal-ekonomija ċirkolari, l-agrikoltura organika, l-enerġija rinnovabbli, l-akkomodazzjoni u l-mobilità. B'dan il-mod, iżżid ukoll l-aċċettazzjoni ta' tibdil fl-imġiba li jikkontribwixxi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. **Ħafna minn dawn is-soluzzjonijiet huma inklużivi, u jindirizzaw lil dawk l-aktar milquta mit-tranżizzjoni ekoloġika, jew b'aktar diffikultajiet biex jadattaw għaliha**, pereżempju permezz tat-taħriġ u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema, billi jipprovdu opportunitajiet tax-xogħol f'oqsma li huma favur l-ambjent, u jiżviluppaw prodotti u servizzi li jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-komunitajiet lokali. Dan huwa kontribut kruċjali, peress li l-qasam tal-adattament ftit li xejn jingħata attenzjoni mill-intrapriżi kummerċjali.

L-entitajiet tal-ekonomija soċjali li qed ifittxu li jiksbu impatti kemm soċjali kif ukoll ambjentali, jirrapportaw il-ħtieġa ta' appoġġ biex jidentifikaw u jadottaw prattiki aktar ekoloġiċi u jibnu l-kapaċità u l-għarfien, inkluż dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament għal għanijiet ambjentali.

**Bl-istess mod, l-ekonomija soċjali hija proponent importanti ta' tranżizzjoni diġitali ġusta u inklużiva**. Pereżempju, l-atturi tal-ekonomija soċjali li jaħdmu fuq "Tech4Good" ivaraw teknoloġiji diġitali (eż. it-Teknoloġija ta' Reġistru Distribwit, il-big data, l-intelliġenza artifiċjali, it-teknoloġija ta' assistenza) biex jiksbu impatt ekoloġiku jew soċjali[70]. Fl-ekonomija soċjali, qed jitfaċċaw mudelli ġodda ta' negozju diġitali, pereżempju fl-ekonomija kollaborattiva u tal-pjattaformi. Il-kooperattivi tal-pjattaformi huma eżempju ta' negozji rregolati minn parteċipazzjoni li jużaw pjattaformi diġitali biex jiffaċilitaw l-involviment taċ-ċittadini u l-bejgħ ta' oġġetti u servizzi prodotti fuq livell lokali, bil-għan li jiksbu kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar għall-membri tagħhom. B'mod aktar ġenerali, it-teknoloġiji diġitali jistgħu jservu ta' lieva billi jiffaċilitaw ir-replikazzjoni u l-espansjoni ta' inizjattivi tal-ekonomija soċjali ta' suċċess madwar l-Istati Membri u s-Suq Uniku. Barra minn hekk, it-teknoloġiji diġitali jistgħu jgħinu biex jittejbu l-proċessi ta' ħidma fl-entitajiet tal-ekonomija soċjali. L-ipproċessar, il-ġestjoni u l-ġbir tad-*data* għadhom ma humiex prattiki mifruxa fi ħdan l-entitajiet tal-ekonomija soċjali. Fl-istess ħin, l-intrapriżi soċjali diġitali pijunieri qed jippermettu tranżizzjonijiet diġitali billi jagħmlu t-teknoloġija adattabbli, bi prezz raġonevoli u aċċessibbli pereżempju permezz ta' "digital commons" u teknoloġiji b'sors miftuħ.

Il-possibbiltà għall-mudelli ta' negozju tal-ekonomija soċjali li joperaw bħala aġenti tat-tranżizzjoni ekoloġika, u l-indirizzar tal-ħtiġijiet tagħhom f'termini tal-adozzjoni diġitali,

---

[68] COM (2020) 788 final.

[69] COM(2021) 118 final.

[70] Calderini M., Chiodo V., Gerli F., Pasi G., *Social-Tech Entrepreneurs: Building Blocks of a New Social Economy,* Stanford Social Innovation Review, 2021.

soluzzjonijiet teknoloġiċi inklużivi u aċċess għad-*data*, se jkunu kruċjali għall-irkupru tagħhom wara l-COVID u r-reżiljenza tagħhom fit-tul.

Il-Kummissjoni se:

- **Tniedi perkors ta' tranżizzjoni għall-ekosistema industrijali "Prossimità u ekonomija soċjali"** biex taħdem aktar mal-awtoritajiet pubbliċi u mal-partijiet ikkonċernati għal ekosistema tal-ekonomija soċjali msaħħa u aktar reżiljenti fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Il-perkors ta' tranżizzjoni se jikkontribwixxi wkoll għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni f'dan il-qasam[71].

- **Tappoġġa l-kooperazzjoni tranżnazzjonali biex tingħata spinta lill-kapaċità tal-ekonomija soċjali biex jiġu adottati prattiki, prodotti u servizzi aktar ekoloġiċi, u jittejbu l-kapaċitajiet diġitali tagħhom**.

- Tniedi azzjoni dwar il-**finanzjament innovattiv fil-Laboratorju tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida** bl-għan li toħloq proġett pilota għall-mobilizzazzjoni tal-kontributi filantropiċi.

- **Tiżviluppa kodiċi ta' kondotta dwar l-użu u l-ġestjoni tad-*data* fl-ekonomija soċjali, b'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati** biex tiġi appoġġata l-adozzjoni tad-*data* u tat-teknoloġija.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se **tiżgura li strutturi rilevanti ta' appoġġ għan-negozju fil-livell Ewropew jikkondividu l-esperjenza dwar kif jipprovdu appoġġ imfassal apposta lill-entitajiet tal-ekonomija soċjali**. Dan se jinkludi l-Aċċeleratur tat-Trasformazzjoni Diġitali taħt il-programm ta' Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali u n-Network Enterprise Europe.

Peress li l-ekonomija soċjali għandha għeruq lokali b'saħħithom, hemm lok biex l-awtoritajiet pubbliċi, is-soċjetà ċivili, il-partijiet ikkonċernati tal-ekonomija soċjali u n-negozji tradizzjonali jiżviluppaw patti ekoloġiċi lokali u jiġbru flimkien ir-riżorsi għall-investiment u l-innovazzjoni fil-livell lokali u reġjonali biex tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta b'benefiċċji lokali.

Il-Kummissjoni se:

- **Taħdem mal-bliet biex jiġu żviluppati Patti Ekoloġiċi Lokali jew azzjonijiet ta' ċittadinanza ekoloġika**, billi ssaħħaħ l-involviment tal-atturi u l-komunitajiet tal-ekonomija soċjali fil-Patt tas-Sindki tal-UE, l-Inizjattiva Urbana Ewropea, l-Inizjattiva ta' Sfida għall-Bliet Intelliġenti, u l-Inizjattiva tal-Bliet u r-Reġjuni Ċirkolari, il-Pjattaforma għal Tranżizzjoni Ġusta, il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida u l-Patt Klimatiku Ewropew.

Il-kontribut tal-ekonomija soċjali huwa partikolarment notevoli għall-iżvilupp ta' ekonomija ċirkolari[72] fejn hija l-pijuniera ta' attivitajiet u mudelli ta' negozju li jżommu l-valur tal-prodotti u tal-materjal għall-itwal żmien possibbli, inaqqsu l-iskart, jipprovdu opportunitajiet għaċ-ċittadini li jiffrankaw l-ispejjeż u joħolqu impjiegi lokali,

---

71 Ara SWD(2021) 982.

72 COM (2020) 98 final u s-sommarju tal-politika li jmiss tal-OECD *Supporting the social economy's contribution to the circular economy for a green and inclusive transition* (il-pubblikazzjoni hija mistennija fil-bidu tal-2022).

speċjalment f'attivitajiet ta' tiswija, użu mill-ġdid, kondiviżjoni u riċiklaġġ. Dan il-potenzjal jista' jiġi promoss ulterjorment permezz ta' sensibilizzazzjoni dwar il-lok għal użu akbar ta' dawn il-prattiki u billi jissaħħu s-sħubijiet man-negozji tradizzjonali tul il-ktajjen tal-valur u s-sħubijiet pubbliċi-privati li jinvolvu l-awtoritajiet pubbliċi, l-istituti tar-riċerka, l-industrija u l-entitajiet tal-ekonomija soċjali.

Il-Kummissjoni se:

– **Toħroġ gwida dwar kif jiġu appoġġati l-adozzjoni u s-sħubijiet għall-ekonomija ċirkolari bejn l-intrapriżi soċjali u atturi oħra, inklużi n-negozji tradizzjonali**, u żżid l-għarfien dwar l-ekonomija soċjali **fil-kuntest tal-Pjattaforma Ewropea tal-Partijiet Interessati tal-Ekonomija Ċirkolari, in-Network Enterprise Europe u networks oħra**.

Is-sħab tal-ekonomija soċjali għandhom rwol ewlieni fil-provvista ta' akkomodazzjoni soċjali, akkomodazzjoni kooperattiva u strateġiji ta' żvilupp urban. F'dan ir-rigward, huma qed jiffaċċjaw distakk annwali fl-investiment ta' EUR 57 biljun[73], li għandu konsegwenzi negattivi f'termini tal-iffaċilitar tal-aċċess għall-akkomodazzjoni u l-ekoloġizzazzjoni tal-istokk tal-akkomodazzjoni tal-UE. Permezz tal-**Inizjattiva dwar l-Akkomodazzjoni bi Prezz Raġonevoli[74]**, il-Kummissjoni se ttejjeb il-kapaċità ta' rinnovazzjoni fl-akkomodazzjoni soċjali u bi prezz raġonevoli billi timmobilizza sħubijiet transsettorjali għal proġetti pilota li jinvolvu 100 distrett ta' rinnovazzjoni u billi tippromwovi djar kwalitattivi, abitabbli, aċċessibbli u bi prezz raġonevoli.

**Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri u lir-reġjuni tal-UE** jaħdmu mal-ekonomija soċjali fl-iżvilupp tal-istrateġiji tagħhom fil-qafas tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u jagħmlu użu aħjar mill-finanzjament eżistenti biex jippermettu t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tal-ekonomija soċjali.

### 4.4. L-għoti ta' spinta lill-innovazzjoni soċjali

**L-innovazzjoni soċjali** toffri modi ġodda tal-produzzjoni ta' oġġetti, l-organizzazzjoni u t-twassil ta' servizzi u forom ġodda ta' parteċipazzjoni ċivika li jirrispondu għall-ħtiġijiet soċjali jew l-sfidi tas-soċjetà konkreti[75]. Din tbiddel ir-relazzjonijiet soċjali u tista' toffri approċċi ta' politika ġodda, li potenzjalment iwasslu għal tibdil sistemiku. Billi joperaw b'mod minn isfel għal fuq u li jkunu qrib il-komunitajiet, iċ-ċittadini u l-problemi li jiffaċċjaw, l-entitajiet tal-ekonomija soċjali għandhom il-kapaċità li jsibu soluzzjonijiet innovattivi[76].

F'dawn l-aħħar snin, il-Kummissjoni nediet diversi inizjattivi biex tippromwovi l-innovazzjoni soċjali (eż. permezz ta' Orizzont 2020 inkluża l-Kompetizzjoni Ewropea għall-Innovazzjoni Soċjali, il-Programm EaSI jew il-FSE). L-appoġġ għall-Ikkuntrattar b'Eżiti Soċjali ġie pprovdut ukoll bħala mod ta' esperimentazzjoni tal-innovazzjoni

[73] Il-Kummissjoni Ewropea, *Boosting Investment in Social Infrastructure in Europe. Report of the High-Level Task Force on Investing in Social Infrastructure in Europe*, minn L. Fransen, G. del Bufalo u E. Reviglio, il-Lussemburgu, 2018.

[74] https://ec.europa.eu/growth/sectors/social-economy-eu/affordable-housing-initiative_mt

[75] https://eusic.challenges.org/the-european-social-innovators-insight-report/ 2021

[76] Eżempji jistgħu jinstabu fil-Kummissjoni Ewropea, *Social Innovation: inspirational practices supporting people throughout their lives*, il-Lussemburgu, 2020.

soċjali u l-finanzjament[77]. Il-Kummissjoni se tkompli b'dawn l-inizjattivi u se tibni komunità Ewropea ta' innovaturi soċjali biex trawwem it-tagħlim bejn il-pari u l-impriżi intraprenditorjali konġunti, filwaqt li tespandi fuq in-Network ta' Alumni tal-Kompetizzjoni Ewropea għall-Innovazzjoni Soċjali.

**Madankollu, l-espansjoni tal-innovazzjonijiet soċjali tibqa' sfida**, inkluż l-aspett li dawn jiġu adottati b'suċċess minn dawk li jfasslu l-politika, is-sejbien ta' sħab f'territorji oħra, kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll barra mill-pajjiż, u l-adattament tas-soluzzjonijiet żviluppati x'imkien ieħor għall-kundizzjonijiet lokali. Dan jirriżulta f'opportunitajiet mitlufa biex jinkiseb impatt sistemiku u jiġi rrealizzat il-potenzjal sħiħ tal-investiment inizjali (spiss inkluż il-finanzjament pubbliku). Il-Kummissjoni qed tappoġġa l-istabbiliment ta' ċentri nazzjonali ta' kompetenza għall-innovazzjoni soċjali sabiex tagħti spinta lill-kapaċitajiet ta' innovazzjoni inkluż tal-atturi tal-ekonomija soċjali u ta' intraprendituri soċjali ġodda[78]. Hemm ukoll lok għat-tisħiħ tal-kollaborazzjonijiet bejn is-settur pubbliku, l-atturi filantropiċi u tal-investiment soċjali, biex jiġu kkatalizzati aħjar ir-riżorsi disponibbli u jiġu permessi l-adozzjoni u r-replikazzjoni tal-innovazzjoni soċjali.

Il-Kummissjoni se:

– Tagħti spinta lill-innovazzjoni soċjali permezz ta' approċċ ġdid għall-kooperazzjoni tranżnazzjonali taħt il-FSE+. Fl-2022 se jiġi stabbilit **"Ċentru Ewropew ta' Kompetenza għall-Innovazzjoni Soċjali" ġdid**. Dan se jorganizza tagħlim reċiproku u l-bini tal-kapaċitajiet għall-awtoritajiet rilevanti u l-istrutturi ta' appoġġ. Barra minn hekk, se tiġi stabbilita skema ġdida ta' għotjiet li tiffaċilita t-trasferiment u/jew l-espansjoni tal-innovazzjoni soċjali.

– **Tipproponi fl-2022 Fond Ewropew ta' Katalizzatur għall-Innovazzjoni Soċjali** taħt Orizzont Ewropa li jinvolvi liċ-ċittadini, lill-akkademiċi, lill-intraprendituri, lill-filantropiċi, lill-investituri ta' impatt u lill-amministraturi pubbliċi, bil-għan li jiġu appoġġati r-replikazzjoni u l-espansjoni ta' innovazzjonijiet soċjali ta' suċċess biex isir progress fl-objettivi tal-ħames Missjonijiet tal-UE[79].

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se **tipprovdi għotjiet taħt Orizzont Ewropa** biex iżżid l-għarfien u tiffaċilita l-aċċess tal-intraprendituri soċjali għar-riżorsi ta' ekosistemi tal-innovazzjoni pan-Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali.

## 5. IT-TISĦIĦ TAR-RIKONOXXIMENT TAL-EKONOMIJA SOĊJALI U L-POTENZJAL TAGĦHA

Kif muri mill-pajjiżi fejn hija l-aktar avvanzata, ekonomija soċjali li tkun aktar viżibbli, inkluż permezz tal-ġbir ta' *data* u statistika xierqa, hija kruċjali għar-rikonoxximent u l-iżvilupp tagħha.

Mill-2011, il-Kummissjoni kkontribwiet biex issaħħaħ l-viżibbiltà u l-profil tal-ekonomija soċjali, tal-intrapriżi soċjali u tal-innovazzjoni soċjali madwar l-UE permezz

[77] https://eiah.eib.org/about/initiative-social-outcomes-contracting

[78] https://ec.europa.eu/european-social-fund-plus/en/social-innovation-and-transnational-cooperation

[79] https://ec.europa.eu/info/research-and-innovation/funding/funding-opportunities/funding-programmes-and-open-calls/horizon-europe/missions-horizon-europe_en.

ta' diversi azzjonijiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-finanzjament jew tar-riċerka[80]. Fl-Istati Membri wkoll, l-awtoritajiet pubbliċi u l-partijiet ikkonċernati adottaw inizjattivi interessanti biex jagħtu spinta lill-viżibbiltà u lill-fehim tal-ekonomija soċjali, inklużi tikketti u mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni speċifiċi, jew kampanji ta' komunikazzjoni fuq skala kbira.

L-evidenza turi li **l-pubbliku ġenerali, inklużi ż-żgħażagħ u l-persuni żvantaġġati, is-sħab soċjali, il-partijiet ikkonċernati u l-finanzjaturi, għad m'għandhomx biżżejjed għarfien dwar l-impatt pożittiv tal-ekonomija soċjali**[81]. Peress li dan jaffettwa l-iżvilupp ta' politiki ta' appoġġ u opportunitajiet tas-suq rilevanti, l-għoti ta' spinta lill-viżibbiltà tal-ekonomija soċjali jeħtieġ li jibqa' prijorità. Il-Kummissjoni se tuża dan il-Pjan ta' Azzjoni biex taħdem mal-partijiet ikkonċernati rilevanti fil-livelli kollha biex jinżamm il-momentum.

Il-Kummissjoni se:

– **Twettaq attivitajiet ta' komunikazzjoni regolari skont approċċ ta' komunikazzjoni fit-tul li jenfasizza r-rwol u l-ispeċifiċitajiet tal-ekonomija soċjali**, anke b'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati tal-ekonomija soċjali.

**Il-Kummissjoni tinkoraġġixxi wkoll l-organizzazzjoni ta' summits regolari tal-ekonomija soċjali** ospitati mill-Istati Membri u minn atturi oħra.

L-eżistenza ta' *data* u statistika rilevanti hija kruċjali wkoll biex il-mudelli ta' negozju tal-ekonomija soċjali jiġu mifhuma aħjar u tiġi żgurata politika bbażata fuq l-evidenza. Madankollu, **id-*data* eżistenti dwar l-ekonomija soċjali spiss tkun skarsa, mhux kompluta u diffiċli biex titqabbel**. Pereżempju, ftit Stati Membri biss adattaw is-sistemi nazzjonali ta' kontabilità tagħhom biex jiġbru *data* supplimentari ("kontijiet satellita") dwar l-ekonomija soċjali, minkejja l-appoġġ finanzjarju disponibbli mill-baġit tal-UE. B'riżultat ta' dan, l-istatistika dwar id-daqs, il-forza tax-xogħol, l-iżvilupp u l-isfidi tal-ekonomija soċjali hija nieqsa. Fil-livell tal-UE, ftit eżerċizzji komparattivi, iżda mhux eżawrjenti, tal-ġbir tad-*data* pprovdew stimi iżda dawn se jkollhom bżonn jiġu aġġornati[82]. Hemm ukoll nuqqas ta' *data* dwar id-daqs u l-piż potenzjali tad-donazzjonijiet filantropiċi u l-potenzjal li dan it-tip ta' investiment privat jiġi ingranat għal aktar ekonomija soċjali u għanijiet oħra tal-politika tal-UE. Għalhekk, il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa politiki bbażati fuq l-evidenza, billi tidentifika, tiġbor u tanalizza informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva dwar l-ekonomija soċjali fl-Istati Membri kollha. Dan se jikkontribwixxi wkoll għall-monitoraġġ tal-ekosistema industrijali tal-Prossimità u l-Ekonomija Soċjali.

Il-Kummissjoni se:

---

[80] Eżempji jinkludu tikketta għall-fondi ta' intraprenditorija soċjali Ewropej (ir-Regolament (UE) Nru 346/2013), l-istudju ta' mmappjar komprensiv tal-Kummissjoni Ewropea tal-2020 dwar l-intrapriżi soċjali u l-ekosistemi tagħhom fl-Ewropa, kif ukoll il-Kompetizzjoni Ewropea għall-Innovazzjoni Soċjali (https://eusic.challenges.org/).

[81] Il-Kummissjoni Ewropea, *Impact of the Commission's Social Business Initiative (SBI) and its follow-up actions*, minn Haarich, S., Holstein, F., Spule, S., Galera, G., Franchini, B., Borzaga, C., Chiomento, S., Spiess-Knafl, W., Scheck, B., Salvatori, G., il-Lussemburgu, 2020.

[82] Ara, pereżempju, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, *Recent evolutions of the Social Economy in the European Union*, minn Monzon J. L. u Chaves R., 2017 u l-Kummissjoni Ewropea, *Social enterprises and their ecosystems in Europe - Comparative synthesis report*, minn Borzaga C., Galera G., Franchini B., Chiomento S., Nogales R. u Carini C., il-Lussemburgu, 2020.

– **Tniedi studju ġdid biex tiġbor informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva dwar l-ekonomija soċjali li tkopri lill-Istati Membri kollha tal-UE.**

– **Tniedi studju speċifiku dwar id-donazzjonijiet filantropiċi fl-UE.**

Fl-aħħar nett, l-**interess akkademiku fl-ekonomija soċjali** kiber, iżda d-djalogu u l-arrikkiment reċiproku tal-ideat mad-dinja tat-tfassil tal-politika jistgħu jittejbu. Il-Kummissjoni se tfittex li tiffaċilita dawn l-iskambji.

## 6. IT-TRIQ 'IL QUDDIEM

Matul dawn l-aħħar għaxar snin, il-Kummissjoni ħadet passi sinifikanti biex tagħti spinta lill-iżvilupp tal-ekonomija soċjali u tal-intrapriżi soċjali bħala parti mill-ekonomija tas-suq soċjali Ewropew. Il-kisbiet tal-passat jeħtieġ li jiġu kkonsolidati u msaħħa sabiex l-UE tkun tista' tissodisfa l-ħtiġijiet u tisfrutta l-opportunitajiet li jirriżultaw mill-isfidi demografiċi u mit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, filwaqt li tibni ekonomija ġusta, inklużiva u reżiljenti bħala tweġiba fit-tul għall-konsegwenzi tal-kriżi tal-COVID-19.

**Dan il-pjan ta' azzjoni jipprovdi qafas Ewropew sal-2030 biex ikompli jiġi appoġġat l-iżvilupp tal-ekonomija soċjali**. Huwa jistabbilixxi serje ta' azzjonijiet li għandhom jiġu stabbiliti flimkien mal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-kisba tal-miri tiegħu dwar l-impjiegi u t-tnaqqis tal-faqar.

Il-Kummissjoni se tenfasizza l-potenzjal tal-ekonomija soċjali li toħloq l-impjiegi u trawwem il-koeżjoni soċjali fil-kuntest tal-proċess tas-Semestru Ewropew u l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi.

Il-pjan ta' azzjoni ġie żviluppat **b'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati tal-ekonomija soċjali**, u l-implimentazzjoni tiegħu se tirrikjedi bl-istess mod l-impenn u l-kooperazzjoni tagħhom fil-livelli kollha – tal-UE, nazzjonali, reġjonali u lokali, u internazzjonali.

L-implimentazzjoni b'suċċess se tiddependi wkoll fuq li tissieħeb mal-Istati Membri. **Il-Kummissjoni tinkoraġġixxi lill-Istati Membri jadottaw jew jaġġornaw l-istrateġiji u l-miżuri tal-ekonomija soċjali tagħhom b'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati tal-ekonomija soċjali**. Għal dan il-għan, **hija tistedinhom jaħtru koordinaturi tal-ekonomija soċjali** fl-istituzzjonijiet tagħhom biex imexxu l-istrateġiji tagħhom, jiżguraw tfassil konsistenti tal-politika fost id-dipartimenti tal-gvern, jiffaċilitaw l-aċċess għall-finanzjament tal-UE u dak nazzjonali u jikkoordinaw mal-awtoritajiet li jimmaniġġjaw il-fondi strutturali.

**Il-Kummissjoni se tassisti lill-Istati Membri** fid-definizzjoni tal-istrateġiji u l-miżuri tagħhom għall-ekonomija soċjali u tappoġġa l-ħidma tal-koordinaturi tal-ekonomija soċjali bil-għan li jiġi implimentat u segwit dan il-pjan ta' azzjoni.

**Il-Kummissjoni se taħdem ukoll fi sħubija mill-qrib ma' istituzzjonijiet u korpi oħra tal-UE**, jiġifieri l-Parlament Ewropew, il-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, u l-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment.

Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet ikkonċernati tal-ekonomija soċjali, lill-istituzzjonijiet u lill-korpi tal-UE japprovaw dan il-Pjan ta' Azzjoni u jikkontribwixxu b'mod attiv għall-implimentazzjoni tiegħu bl-involviment dirett tal-partijiet ikkonċernati

tal-ekonomija soċjali. Hija se taħdem mal-grupp ta' esperti tagħha dwar l-ekonomija soċjali u l-intrapriżi soċjali li se jiġġedded fi tmiem il-mandat attwali.

**Il-Kummissjoni se tqis l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni fl-2025** u tippubblika rapport li jindika l-progress u l-iżviluppi l-ġodda.

## AZZJONIJIET EWLENIN TAL-KUMMISSJONI U L-ISKEDA TA' ŻMIEN GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAGĦHOM

| | |
|---|---|
| **Tipproponi Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżvilupp ta' kundizzjonijiet ta' qafas tal-ekonomija soċjali**. (ara t-taqsima 3.1) | 2023 |
| **Torganizza webinars u workshops għall-uffiċjali pubbliċi** fir-rigward ta' diversi oqsma ta' politika b'rilevanza għall-ekonomija soċjali. (ara t-taqsima 3.1) | 2022, 2023 |
| **Tniedi inizjattiva ġdida taħt il-Programm tas-Suq Uniku li tappoġġa l-ħolqien ta' sħubijiet lokali u reġjonali** bejn l-entitajiet tal-ekonomija soċjali u n-negozji tradizzjonali, li jippermettu suq minn negozju għal negozju tax-"xiri soċjali". (ara t-taqsima 3.3) | 2022 |
| **Ittejjeb l-aċċess għall-finanzjament għall-intraprendituri soċjali fil-Balkani tal-Punent, is-Sħubija tal-Lvant u l-Viċinat tan-Nofsinhar**, billi tniedi azzjonijiet biex tingħata spinta lill-inizjattivi fil-livell lokali u biex l-intermedjarji jiġu appoġġati fl-iżvilupp ta' prodotti finanzjarji adattati għall-ħtiġijiet tal-entitajiet tal-ekonomija soċjali. (Ara t-taqsima 3.5) | 2023 |
| **Tniedi Gateway tal-Ekonomija Soċjali tal-UE unika ġdida** biex jiġi pprovdut punt tad-dħul ċar għall-partijiet ikkonċernati tal-ekonomija soċjali u atturi u individwi rilevanti oħra li jfittxu informazzjoni dwar il-finanzjament, il-politiki u l-inizjattivi rilevanti tal-UE. (ara t-taqsima 4.1) | 2023 |
| **Tniedi Akkademja ġdida tal-Politika dwar l-Intraprenditorija taż-Żgħażagħ**, li se trawwem l-intraprenditorija taż-żgħażagħ, inkluż għall-intraprendituri nisa u soċjali, billi taħdem ma' dawk li jfasslu l-politika nazzjonali u man-networks tal-intraprenditorija taż-żgħażagħ. (ara t-taqsima 4.1) | 2022 |
| **Tniedi prodotti finanzjarji ġodda taħt il-programm InvestEU bil-għan li timmobilizza l-finanzjament privat** immirat lejn il-ħtiġijiet tal-intrapriżi soċjali fi stadji differenti tal-iżvilupp. (ara t-taqsima 4.2) | 2022 |
| **Tappoġġa l-iżvilupp tal-kejl u l-ġestjoni tal-impatt soċjali** biex tassisti lill-atturi tal-ekonomija soċjali fl-UE. (ara t-taqsima 4.2) | 2023 |
| **Tniedi perkors ta' tranżizzjoni għall-ekosistema industrijali "Prossimità u ekonomija soċjali"** biex taħdem aktar mal-awtoritajiet pubbliċi u mal-partijiet ikkonċernati fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni f'dan il-qasam. (ara t-taqsima 4.3) | 2022 |
| Tagħti spinta lill-innovazzjoni soċjali permezz ta' approċċ ġdid għall-kooperazzjoni tranżnazzjonali taħt il-FSE+ u l-istabbiliment ta' **"Ċentru Ewropew ta' Kompetenza għall-Innovazzjoni Soċjali" ġdid**. (ara t-taqsima 4.4) | 2022 |